Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

P9_TA(2021)0310

Impriża Konġunta tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (COM(2020)0569 – C9-0335/2020 – 2020/0260(NLE))

(Konsultazzjoni)

(2022/C 81/18)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2020)0569),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 187 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0335/2020),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0177/2021),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 intitolata "Strateġija Ewropea għad-Data" tiddeskrivi l-istrateġija tal-Ewropa għall-miżuri ta' politika u għall-investimenti li jabilitaw l-ekonomija tad-data għall-ħames snin li ġejjin. Tenfasizza l-ħolqien ta' spazji pubbliċi komuni Ewropej tad-data li jagħtu spinta lit-tkabbir u joħolqu l-valur. L-appoġġ għall-ħolqien ta' dawn l-ispazji komuni Ewropej tad-data u ta' infrastrutturi federati u siguri bbażati fuq il-cloud ikun jiżgura li aktar data ssir disponibbli għall-użu fl-ekonomija u fis-soċjetà, filwaqt li l-kumpaniji u l-individwi li jiġġeneraw id-data jinżammu f'kontroll. Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u l-computing kwantistiku huma komponenti essenzjali tal-provvista bla xkiel ta' riżorsi tal-computing b'karatteristiċi ta' prestazzjoni differenti li huma meħtieġa biex jiġu ***massimizzati*** t-tkabbir u l-użu tal-ispazji komuni pubbliċi Ewropej tad-data u tal-infrastrutturi federati u siguri bbażati fuq il-cloud għal applikazzjonijiet pubbliċi, industrijali u xjentifiċi.	(5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 intitolata "Strateġija Ewropea għad-Data" tiddeskrivi l-istrateġija tal-Ewropa għall-miżuri ta' politika u għall-investimenti li jabilitaw l-ekonomija tad-data għall-ħames snin li ġejjin. Tenfasizza l-ħolqien ta' spazji pubbliċi komuni Ewropej tad-data li jagħtu spinta lit-tkabbir u joħolqu l-valur. L-appoġġ għall-ħolqien ta' dawn l-ispazji komuni Ewropej tad-data u ta' infrastrutturi federati u siguri bbażati fuq il-cloud ikun jiżgura li aktar data ssir disponibbli għall-użu fl-ekonomija u fis-soċjetà, filwaqt li l-kumpaniji u l-individwi li jiġġeneraw id-data jinżammu f'kontroll. ***Sabiex jiġi żgurat li d-data tal-utenti tiġi trasferita b'mod effettiv, l-infrastrutturi tal-cloud fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-prinċipji ta' fiduċja, ftuħ, sigurtà, interoperabbiltà u portabbiltà.*** Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u l-computing kwantistiku huma komponenti essenzjali tal-provvista bla xkiel ta' riżorsi tal-computing b'karatteristiċi ta' prestazzjoni differenti li huma meħtieġa biex jiġu ***massimizzati*** t-tkabbir u l-użu tal-ispazji komuni pubbliċi Ewropej tad-data u tal-infrastrutturi federati u siguri bbażati fuq il-cloud għal applikazzjonijiet pubbliċi, industrijali u xjentifiċi.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 intitolata "Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa" tippreżenta l-istrateġija diġitali tal-Ewropa u tiffoka fuq ftit objettivi ewlenin biex tiżgura li s-soluzzjonijiet diġitali jgħinu lill-Ewropa tkompli fi triqitha lejn trasformazzjoni diġitali li taħdem għall-benefiċċju tan-nies. Fost l-azzjonijiet ewlenin li tipproponi hemm l-investiment fil-bini u t-tnedija ta' kapaċitajiet diġitali konġunti avvanzati, inkluż fit-teknoloġiji tas-supercomputing u kwantistiċi, u li tespandi l-kapaċità tas-supercomputing tal-Ewropa biex tiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi ***għall-mediċina***, it-trasport u l-ambjent.	(6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 intitolata "Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa" tippreżenta l-istrateġija diġitali tal-Ewropa u tiffoka fuq ftit objettivi ewlenin biex tiżgura li s-soluzzjonijiet diġitali jgħinu lill-Ewropa tkompli fi triqitha lejn trasformazzjoni diġitali ***ċċentrata fuq il-bniedem*** li taħdem għall-benefiċċju tan-nies ***u tikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew***. Fost l-azzjonijiet ewlenin li tipproponi hemm l-investiment fil-bini u t-tnedija ta' kapaċitajiet diġitali konġunti avvanzati, inkluż fit-teknoloġiji tas-supercomputing u kwantistiċi, u li tespandi l-kapaċità tas-supercomputing tal-Ewropa biex tiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi ***fis-setturi ekonomiċi kollha, bħall-industrija, il-manifattura, iċ-ċibersigurtà, is-saħħa u l-mediċina***, it-trasport u ***l-mobbiltà sostenibbli,*** l-ambjent***, l-enerġija u t-tibdil fil-klima***.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 intitolata "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" qed tirrifletti strateġija industrijali ambizzjuża għall-Ewropa biex tmexxi ż-żewġ tranżizzjonijiet lejn in-newtralità klimatika u t-tmexxija diġitali. Il-Komunikazzjoni tenfasizza l-appoġġ, fost l-oħrajn, għall-iżvilupp ta' teknoloġiji abilitanti essenzjali li huma strateġikament importanti għall-futur industrijali tal-Ewropa, inkluż teknoloġiji tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u kwantistiċi.	(7) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 intitolata "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" qed tirrifletti strateġija industrijali ambizzjuża għall-Ewropa biex tmexxi ż-żewġ tranżizzjonijiet lejn in-newtralità klimatika u t-tmexxija diġitali. Il-Komunikazzjoni tenfasizza l-appoġġ, fost l-oħrajn, għall-iżvilupp ta' teknoloġiji abilitanti essenzjali li huma strateġikament importanti għall-futur industrijali tal-Ewropa, inkluż teknoloġiji tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u kwantistiċi. ***L-iżvilupp ta' infrastruttura u ekosistema tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja ta' klassi dinjija jirrappreżenta riżorsa strateġika għall-futur u r-reżiljenza tal-industrija u l-SMEs tal-Unjoni, filwaqt li fl-istess ħin jiġġieled kontra d-disparitajiet reġjonali, joħloq impjiegi ġodda u jħeġġeġ kompetizzjoni globali li tista' tkun ta' benefiċċju għall-kisba ta' ekonomija tad-data vibranti u tgħin fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.***

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Ir-rwol ewlieni tal-Ewropa fl-ekonomija tad-data, l-eċċellenza xjentifika tagħha, u s-saħħa industrijali tagħha jiddependu dejjem aktar fuq il-kapaċità tagħha li tiżviluppa teknoloġiji ewlenin tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, kif ukoll li tipprovdi aċċess għal infrastrutturi tas-supercomputing u tad-data ta' klassi dinjija, u li żżomm it-tmexxija attwali tagħha f'applikazzjonijiet tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja. Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja hu teknoloġija integrata għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija Ewropea, li ***tippermetti*** lil ħafna setturi industrijali tradizzjonali jinnovaw bi prodotti u servizzi ta' valur ogħla. Flimkien ma' teknoloġiji diġitali avvanzati oħra bħall-Intelliġenza Artifiċjali, it-teknoloġiji ***tal-Bid*** Data u tal-cloud, il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja qed iwitti t-triq lejn applikazzjonijiet soċjetali u industrijali innovattivi f'oqsma kritiċi għall-Ewropa bħall-mediċina personalizzata, it-tbassir tat-temp u t-tibdil fil-klima, l-iżvilupp u t-trasport intelliġenti u ekoloġiċi, materjali ġodda ***għall-enerġija*** nadifa, id-disinn tal-mediċina u l-ittestjar virtwali, l-agrikoltura sostenibbli, jew l-inġinerija u l-manifattura.	(9) Ir-rwol ewlieni tal-Ewropa fl-ekonomija tad-data, l-eċċellenza xjentifika tagħha, u s-saħħa industrijali tagħha jiddependu dejjem aktar fuq il-kapaċità tagħha li tiżviluppa teknoloġiji ewlenin tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, kif ukoll li tipprovdi aċċess għal infrastrutturi tas-supercomputing u tad-data ta' klassi dinjija, u li żżomm it-tmexxija attwali tagħha f'applikazzjonijiet tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja. Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja hu teknoloġija integrata għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija Ewropea ***u għandu l-potenzjal*** li ***jippermetti*** lil ħafna setturi industrijali tradizzjonali jinnovaw bi prodotti u servizzi ta' valur ogħla. Flimkien ma' teknoloġiji diġitali avvanzati oħra bħall-Intelliġenza Artifiċjali, it-teknoloġiji tal-***Big*** Data u tal-cloud, ***meta jiġi introdott u użat b'mod etiku u ċċentrat fuq il-bniedem,*** il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja qed iwitti t-triq lejn applikazzjonijiet soċjetali u industrijali innovattivi f'oqsma kritiċi għall-Ewropa bħall-mediċina personalizzata, it-tbassir tat-temp u t-tibdil fil-klima, l-iżvilupp u t-trasport intelliġenti u ekoloġiċi, ***ir-riċerka dwar*** materjali ġodda ***għat-teknoloġiji sostenibbli tal-enerġija*** nadifa, id-disinn tal-mediċina u l-ittestjar virtwali, l-agrikoltura sostenibbli, jew l-inġinerija u l-manifattura.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja hu riżorsa strateġika għat-tfassil ta' politika li abbaži tagħha jitħaddmu applikazzjonijiet li jipprovdu l-mezzi biex jinftiehmu u jitfasslu soluzzjonijiet effiċjenti bil-għan li jiġu indirizzati ħafna sfidi dinjin kumplessi u għall-ġestjoni tal-kriżijiet. Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja jikkontribwixxi għal politiki ewlenin bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew b'mudelli u għodod biex isarraf għadd dejjem akbar ta' sfidi ambjentali kumplessi f'opportunitajiet għal innovazzjoni soċjali u tkabbir ekonomiku. Eżempju hu l-inizjattiva Destinazzjoni d-Dinja mħabbra fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" u tad-19 ta' Frar 2020 dwar "Strateġija Ewropea għad-Data" u "Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa".	(10) Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja hu riżorsa strateġika għat-tfassil ta' politika li abbaži tagħha jitħaddmu applikazzjonijiet li jipprovdu l-mezzi biex jinftiehmu u jitfasslu soluzzjonijiet effiċjenti bil-għan li jiġu indirizzati ħafna sfidi dinjin kumplessi u għall-ġestjoni tal-kriżijiet. Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja jikkontribwixxi għal politiki ewlenin bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew b'mudelli u għodod biex isarraf għadd dejjem akbar ta' sfidi ambjentali kumplessi f'opportunitajiet għal innovazzjoni soċjali u tkabbir ekonomiku ***sostenibbli***. Eżempju hu l-inizjattiva Destinazzjoni d-Dinja mħabbra fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" u tad-19 ta' Frar 2020 dwar "Strateġija Ewropea għad-Data" u "Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa". ***Il-computing ta' prestazzjoni għolja huwa assi strateġiku għas-salvagwardja tal-kapaċità tal-innovazzjoni u tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jrawwem it-tkabbir ekonomiku.***

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Avvenimenti dinjin bħall-pandemija tal-COVID-19 ħarġu fid-dieher l-importanza ta' investiment fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fi pjattaformi u għodod tal-immudellar relatati mas-saħħa, għax dawn jaqdu rwol ewlieni fil-ġlieda kontra l-pandemija, ħafna drabi flimkien ma' teknoloġiji diġitali oħra bħall-Big Data u l-intelliġenza artifiċjali. Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja qed jintuża biex iħaffef l-identifikazzjoni u l-produzzjoni ta' trattamenti, ibassar it-tifrix tal-virus, biex jgħin fl-ippjanar tad-distribuzzjoni tal-provvisti u r-riżorsi mediċi, u biex jissimula miżuri ta' ħruġ għal wara l-epidemija ħalli jiġu evalwati xenarji differenti. Il-pjattaformi u l-għodod tal-immudellar tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja huma għodod kritiċi għall-pandemiji attwali u futuri, u se jaqdu rwol ***ewlieni fis-saħħa*** u ***l-mediċina personalizzata***.	(11) Avvenimenti dinjin bħall-pandemija tal-COVID-19 ħarġu fid-dieher l-importanza ta' investiment fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fi pjattaformi u għodod tal-immudellar relatati mas-saħħa, għax dawn jaqdu rwol ewlieni fil-ġlieda kontra l-pandemija, ħafna drabi flimkien ma' teknoloġiji diġitali oħra bħall-Big Data u l-intelliġenza artifiċjali ***u l-immudellar u s-simulazzjoni bil-kompjuters***. Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja qed jintuża biex iħaffef l-identifikazzjoni ***ta' komponenti kritiċi għas-settur farmaċewtiku*** u l-produzzjoni ta' trattamenti, ibassar it-tifrix tal-virus, biex jgħin fl-ippjanar tad-distribuzzjoni tal-provvisti u r-riżorsi mediċi, u biex jissimula miżuri ta' ħruġ għal wara l-epidemija ħalli jiġu evalwati xenarji differenti. Il-pjattaformi u l-għodod tal-immudellar tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja huma għodod kritiċi għall-pandemiji attwali u futuri, u se jaqdu rwol ***importanti fis-settur tas-saħħa peress li dawn jippermettu l-ittestjar tas-sikurezza, l-effikaċja u l-prestazzjoni ta' strateġiji preventivi ġodda, u l-ottimizzazzjoni tal-immudellar dijanjostiku awtomatizzat, tal-mediċini u tat-tagħmir mediku. Huwa importanti wkoll li tiġi żgurata l-interoperabbiltà tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, tal-intelliġenza artifiċjali (inkluż it-tagħlim awtomatiku u profond), tal-Big Data, tal-analitika tad-data ta' prestazzjoni għolja u tal-Cloud, peress li setturi ekonomiċi ewlenin li jserrħu fuq il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja jinkludu l-manifattura, is-saħħa u l-farmaċewtiċi.***

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Biex l-Unjoni jkollha l-prestazzjoni tal-computing meħtieġa biex tibqa' fuq quddiem nett fil-kapaċitajiet tar-riċerka u industrijali tagħha, jenħtieġ jiġi kkoordinat l-investiment tal-Istati Membri fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fil-computing kwantistiku u tissaħħaħ l-adozzjoni mill-industrija u mis-suq ta' teknoloġiji tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat. Jenħtieġ li l-Unjoni ssir aktar effettiva fit-tisrif tal-iżviluppi tat-teknoloġija f'sistemi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u tal-computing kwantistiku orjentati lejn id-domanda u xprunati mill-applikazzjoni u li jkunu tal-aqwa kwalità, fl-istabbiliment ta' rabta effettiva bejn il-provvista tat-teknoloġija, il-kodisinn mal-utenti, u ***akkwist*** konġunt ta' sistemi tal-ogħla klassi, u fil-ħolqien ta' ekosistema ta' klassi dinjija fit-teknoloġiji u fl-applikazzjonijiet tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Unjoni tiftaħ opportunità għall-industrija tal-provvista tagħha biex tingranaġġa investimenti bħal dawn, ***li*** twassal għall-adozzjoni tagħhom fuq skala kbira u f'oqsma ta' applikazzjonijiet emerġenti ***bħall-mediċina personalizzata, it-tibdil fil-klima, is-sewqan konness u awtomatizzat jew swieq ewlenin oħra*** li huma bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali, ***fuq*** it-teknoloġiji tal-blockchain, ***fuq*** l-edge computing jew b'mod aktar wiesa' fuq id-diġitalizzazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.	(14) Biex l-Unjoni jkollha l-prestazzjoni tal-computing meħtieġa biex tibqa' fuq quddiem nett fil-kapaċitajiet tar-riċerka u industrijali tagħha, jenħtieġ ***li*** jiġi kkoordinat l-investiment tal-Istati Membri fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fil-computing kwantistiku u tissaħħaħ l-adozzjoni mill-industrija u mis-suq ta' teknoloġiji tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat. Jenħtieġ li l-Unjoni ssir aktar effettiva fit-tisrif tal-iżviluppi tat-teknoloġija f'sistemi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u tal-computing kwantistiku orjentati lejn id-domanda u xprunati mill-applikazzjoni u li jkunu tal-aqwa kwalità ***u mifruxin u aċċessibbli b'mod wiesa' madwar l-Ewropa***, fl-istabbiliment ta' rabta effettiva bejn il-provvista tat-teknoloġija, il-kodisinn mal-utenti, u ***l-akkwist*** konġunt ta' sistemi ***sikuri*** tal-ogħla klassi, u fil-ħolqien ta' ekosistema ta' klassi dinjija fit-teknoloġiji u fl-applikazzjonijiet tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku ***għall-benefiċċju tal-Istati Membri u r-reġjuni kollha***. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Unjoni tiftaħ opportunità għall-industrija tal-provvista tagħha biex tingranaġġa investimenti bħal dawn, ***u*** twassal għall-adozzjoni tagħhom fuq skala kbira u f'oqsma ta' applikazzjonijiet emerġenti li huma bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali***, l-immudellar u s-simulazzjoni bil-kompjuters***, it-teknoloġiji tal-blockchain, l-edge computing jew b'mod aktar wiesa' fuq id-diġitalizzazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Sabiex tiġi ddisinjata, aġġornata u implimentata firxa ġdida ta' ekosistemi, teknoloġiji u sistemi ta' hardware ta' supercomputing Ewropej ta' klassi dinjija u innovattivi b'konsum baxx tal-enerġija u effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija, huwa meħtieġ ammont kbir ta' riżorsi u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni. F'sinerġija ma' sħubiji u inizjattivi Ewropej oħra, l-Impriża Konġunta tinsab f'pożizzjoni tajba biex tistabbilixxi pjanijiet direzzjonali strateġiċi u pjanijiet ta' riċerka u investiment biex tagħti għajnuna għat-tisħiħ tal-katina tal-valur tal-elettronika u tas-sistemi inkorporati Ewropej, bil-ħsieb li l-preżenza industrijali Ewropea tespandi, li jiġu indirizzati l-isfidi teknoloġiċi, tas-sigurtà u soċjetali ewlenin, u li jiġu stabbiliti kapaċitajiet ta' disinn ta' hardware u faċilitajiet ta' produzzjoni Ewropej avvanzati.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Biex l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jiksbu awtonomija teknoloġika f'teknoloġiji diġitali ewlenin bħall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u l-computing kwantistiku, jenħtieġ jinvestu f'teknoloġiji tas-supercomputing b'qawwa baxxa tal-ġenerazzjoni li jmiss, f'software innovattiv u f'sistemi avvanzati tas-supercomputing għal computing fuq skala eksa u fuq skala posteksa u għal computing kwantistiku, u għal applikazzjonijiet innovattivi tas-supercomputing u tad-data ***għall-mediċina***, ***l-ambjent, il-manifattura*** u ***l-inġinerija***. Jenħtieġ li dan ikun jippermetti lill-industrija tal-provvista Ewropea tiffjorixxi f'firxa wiesgħa ta' oqsma ewlenin ***tat-teknoloġija*** u ***l-applikazzjonijiet*** li ***jilħqu*** lil hinn mill-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u mill-computing kwantistiku u, fuq medda twila taż-żmien, jikkontribwixxi għal swieq usa' tal-ICT b'teknoloġiji bħal dawn. Dan ikun jappoġġa wkoll l-industrija tax-xjenza u tal-utenti tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku biex tgħaddi minn trasformazzjoni diġitali u jissaħħaħ il-potenzjal tal-innovazzjoni tagħha.	(15) Biex l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jiksbu awtonomija teknoloġika ***strateġika, filwaqt li jżommu ekonomija miftuħa,*** f'teknoloġiji diġitali ewlenin bħall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u l-computing kwantistiku, jenħtieġ ***li*** jinvestu f'teknoloġiji tas-supercomputing b'qawwa baxxa ***u effiċjenti fl-enerġija u fir-riżorsi*** tal-ġenerazzjoni li jmiss, f'software innovattiv u f'sistemi avvanzati tas-supercomputing għal computing fuq skala eksa u fuq skala posteksa u għal computing kwantistiku, ***inklużi teknoloġiji għall-komputazzjoni li tippreserva l-privatezza*** u għal applikazzjonijiet innovattivi tas-supercomputing u tad-data***. Jenħtieġ li l-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u l-ġestjoni tad-data jiġu appoġġati b'mod attiv fl-oqsma kollha tar-riċerka, inklużi x-xjenzi soċjali u umanistiċi. Huma meħtieġa investimenti biex jiġu żviluppati l-kompetenzi rilevanti***. Jenħtieġ li dan ikun jippermetti lill-industrija tal-provvista Ewropea tiffjorixxi f'firxa wiesgħa ta' oqsma ewlenin ***ta' teknoloġija*** u ***ta' applikazzjonijiet*** li ***jmorru*** lil hinn mill-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u mill-computing kwantistiku u, fuq medda twila taż-żmien, jikkontribwixxi għal swieq usa' tal-ICT b'teknoloġiji bħal dawn. Dan ikun jappoġġa wkoll l-industrija tax-xjenza u tal-utenti tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku biex tgħaddi minn trasformazzjoni diġitali u jissaħħaħ il-potenzjal tal-innovazzjoni tagħha.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Sabiex tiġi stabbilita ekosistema soda tal-computing kwantistiku fl-Unjoni, jeħtieġ li ninvestu fl-iżvilupp ta' algoritmi konxji mill-hardware għall-networks newrali u fl-istandardizzazzjoni għall-ikkowdjar tad-data ta-l-input-output, u niffaċilitaw l-aċċess għall-utenti finali permess mis-servizzi tal-cloud.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) It-twettiq ta' viżjoni strateġika komuni tal-UE fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fil-computing kwantistiku ***hu*** essenzjali biex tinkiseb l-ambizzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jiżguraw rwol ewlieni u awtonomija strateġika ***fl-ekonomija*** diġitali. L-objettiv ikun li fl-Ewropa tiġi stabbilita ekosistema tal-infrastruttura fost l-aqwa fid-dinja, iperkonnessa u sigura tas-servizzi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku u tad-data, u li l-Ewropa tkun f'pożizzjoni li tipproduċi sistemi innovattivi u kompetittivi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku bbażati fuq katina tal-provvista li jiżguraw komponenti, teknoloġiji u għarfien li jillimitaw ir-riskju ta' tfixkil.	(16) It-twettiq ta' viżjoni strateġika komuni tal-UE fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fil-computing kwantistiku***, l-iżgurar ta' tranżizzjoni minn Computing ta' Prestazzjoni Għolja ċċentrat fuq is-simulazzjoni u l-integrazzjoni ta' Computing ta' Prestazzjoni Għolja f'continuum sħiħ tal-infrastruttura tal-IT, inklużi ekosistemi oħra bħall-Big Data, l-IA u l-Internet tal-Oġġetti, huma*** essenzjali biex tinkiseb l-ambizzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jiżguraw rwol ewlieni u awtonomija strateġika ***fit-tranżizzjoni*** diġitali***, filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa***. L-objettiv ikun li fl-Ewropa tiġi stabbilita ekosistema tal-infrastruttura fost l-aqwa fid-dinja, iperkonnessa u sigura tas-servizzi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku u tad-data, u li l-Ewropa tkun f'pożizzjoni li tipproduċi sistemi innovattivi u kompetittivi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku bbażati fuq katina tal-provvista ***reżiljenti u responsabbli*** li jiżguraw ***id-disponibbiltà ta'*** komponenti, teknoloġiji u għarfien li jillimitaw ir-riskju ta' tfixkil ***filwaqt li jħarsu n-nies u l-ambjent***.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Impriża Konġunta tirrappreżenta l-aqwa strument li kapaċi jimplimenta l-viżjoni strateġika tal-UE fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fil-computing kwantistiku, u dan jiżgura li l-Unjoni tgawdi minn kapaċitajiet ta' klassi dinjija fis-supercomputing, fil-computing kwantistiku u fid-data li ***jaqbel*** mal-potenzjal ekonomiku tagħha u li l-Unjoni tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti Ewropej, u ***jaqbel mal-awtonomija*** strateġika meħtieġa fit-teknoloġiji kritiċi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku. L-Impriża Konġunta hi ***l-aqwa strument*** biex jingħelbu l-limitazzjonijiet attwali, kif ***deskritti*** fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż ma' dan ir-Regolament, ***u*** toffri ***l-akbar*** impatt ekonomiku, soċjetali u ambjentali u ***l-aħjar salvagwardja tal-interessi*** tal-Unjoni fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fil-computing kwantistiku. Tista' tiġbor flimkien ir-riżorsi tal-Unjoni, tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa u mal-Programm Ewropa Diġitali jew mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, u tas-settur privat. Tista' timplimenta qafas ta' akkwist u topera sistemi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku ta' klassi dinjija. Tista' tniedi programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-iżvilupp ta' teknoloġiji Ewropej u għall-integrazzjoni sussegwenti tagħhom f'sistemi tas-supercomputing ta' klassi dinjija.	(17) Impriża Konġunta tirrappreżenta l-aqwa strument ***disponibbli*** li kapaċi jimplimenta l-viżjoni strateġika tal-UE fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fil-computing kwantistiku, u dan jiżgura li l-Unjoni tgawdi minn kapaċitajiet ta' klassi dinjija fis-supercomputing, fil-computing kwantistiku u fid-data li ***jaqblu*** mal-potenzjal ekonomiku tagħha u li l-Unjoni tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti Ewropej, u ***bl-awtonomija*** strateġika meħtieġa***, filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa,*** fit-teknoloġiji kritiċi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku. L-Impriża Konġunta hi ***wieħed mill-istrumenti li jikkontribwixxu*** biex jingħelbu l-limitazzjonijiet attwali, kif ***deskritt*** fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż ma' dan ir-Regolament, ***filwaqt li*** toffri impatt ekonomiku, soċjetali u ambjentali ***għoli*** u ***tissalvagwardja l-interessi*** tal-Unjoni fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fil-computing kwantistiku ***meta tkun iffinanzjata, żviluppata u implimentata kif suppost***. Tista' tiġbor flimkien ir-riżorsi tal-Unjoni, tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa u mal-Programm Ewropa Diġitali jew mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, u tas-settur privat. Tista' timplimenta qafas ta' akkwist u topera sistemi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku ta' klassi dinjija. Tista' tniedi programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-iżvilupp ta' teknoloġiji Ewropej u għall-integrazzjoni sussegwenti tagħhom f'sistemi tas-supercomputing ta' klassi dinjija.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) L-Impriża Konġunta EuroHPC hi parti mill-portafoll ta' Sħubijiet Istituzzjonalizzati permezz ta' Orizzont Ewropa li jenħtieġ tirsisti biex issaħħaħ il-kapaċitajiet xjentifiċi tal-UE fl-indirizzar tat-theddidiet emerġenti u tal-isfidi futuri f'Żona Ewropea tar-Riċerka msaħħa; tiżgura ktajjen tal-valur tal-UE mmexxija mis-sostenibbiltà u l-awtonomija strateġika tal-UE f'teknoloġiji u f'industriji ewlenin; u ttejjeb l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi li jindirizzaw l-isfidi klimatiċi, ambjentali, tas-saħħa u sfidi soċjetali dinjin oħrajn bi qbil mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, ***inkluż il-kisba*** tan-newtralità klimatika fl-Unjoni ***fl-2050***.	(18) L-Impriża Konġunta EuroHPC hi parti mill-portafoll ta' Sħubijiet Istituzzjonalizzati permezz ta' Orizzont Ewropa li jenħtieġ ***li*** tirsisti biex issaħħaħ il-kapaċitajiet xjentifiċi tal-UE fl-indirizzar tat-theddidiet emerġenti u tal-isfidi futuri f'Żona Ewropea tar-Riċerka msaħħa; tiżgura ***miri ambjentali u*** ktajjen tal-valur tal-UE mmexxija mis-sostenibbiltà u l-awtonomija strateġika tal-UE f'teknoloġiji u f'industriji ewlenin; u ttejjeb l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi li jindirizzaw l-isfidi klimatiċi, ambjentali, tas-saħħa u sfidi soċjetali dinjin oħrajn bi qbil mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, ***inkluża l-kisba*** tan-newtralità klimatika fl-Unjoni ***sa mhux aktar tard mill-2050***.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta titwaqqaf u tibda topera sa mhux aktar tard ***mill-bidu tal-2021*** sal-31 ta' Diċembru 2033 biex tforni lill-Unjoni b'infrastruttura tas-supercomputing ta' klassi dinjija, federata, sigura u iperkonnessa, u biex tiżviluppa t-teknoloġiji, l-applikazzjonijiet u l-ħiliet meħtieġa biex jinkisbu l-kapaċitajiet fuq skala eksa bejn l-2022 u l-2024, u fuq skala posteksa bejn l-2025 u l-2027, filwaqt li tippromwovi ekosistema ta' innovazzjoni fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u fil-computing kwantistiku ta' klassi dinjija.	(19) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta titwaqqaf u tibda topera sa mhux aktar tard ***mill-2021*** sal-31 ta' Diċembru 2033 biex tforni lill-Unjoni b'infrastruttura tas-supercomputing ta' klassi dinjija, federata, sigura u iperkonnessa, u biex tiżviluppa t-teknoloġiji, l-applikazzjonijiet u l-ħiliet meħtieġa biex jinkisbu l-kapaċitajiet fuq skala eksa bejn l-2022 u l-2024, u fuq skala posteksa bejn l-2025 u l-2027, filwaqt li tippromwovi ekosistema ta' innovazzjoni fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u fil-computing kwantistiku ta' klassi dinjija.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Is-sħubija pubblika privata ***fil-forma*** ta' Impriża Konġunta jenħtieġ tgħaqqad il-mezzi tekniċi u finanzjarji li huma essenzjali biex tingħaraf il-kumplessità tar-ritmu dejjem aktar mgħaġġel tal-innovazzjoni f'dan il-qasam. Għalhekk, jenħtieġ li l-membri tal-Impriża Konġunta jkunu l-Unjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa, mal-Programm Ewropa Diġitali jew mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa li jaqblu fuq inizjattiva Ewropea konġunta fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fil-computing kwantistiku; u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-entitajiet kostitwenti tagħhom u lil organizzazzjonijiet oħra b'impenn espliċitu u attiv ***biex*** jipproduċu riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, jiżviluppaw u jniedu kapaċitajiet tal-computing ta' prestazzjoni għolja jew tal-computing kwantistiku, jew jikkontribwixxu għall-indirizzar tad-diskrepanza fil-ħiliet u għaż-żamma tal-għarfien espert fil-qasam tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku fl-Ewropa. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun miftuħa għal membri ġodda.	(20) Is-sħubija pubblika privata ***fl-għamla*** ta' Impriża Konġunta jenħtieġ ***li*** tgħaqqad il-mezzi tekniċi u finanzjarji li huma essenzjali biex tingħaraf il-kumplessità tar-ritmu dejjem aktar mgħaġġel tal-innovazzjoni f'dan il-qasam***, filwaqt li jiġi żgurat li l-funzjonament tal-Impriża Konġunta jibqa' sempliċi u flessibbli***. Għalhekk, jenħtieġ li l-membri tal-Impriża Konġunta jkunu l-Unjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa, mal-Programm Ewropa Diġitali jew mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa li jaqblu fuq inizjattiva Ewropea konġunta fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fil-computing kwantistiku; u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-entitajiet kostitwenti tagħhom u lil organizzazzjonijiet oħra b'impenn espliċitu u attiv ***li*** jipproduċu riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, jiżviluppaw u jniedu kapaċitajiet tal-computing ta' prestazzjoni għolja jew tal-computing kwantistiku, jew jikkontribwixxu għall-indirizzar tad-diskrepanza fil-ħiliet u għaż-żamma tal-għarfien espert fil-qasam tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku fl-Ewropa. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun miftuħa għal membri ġodda. ***Id-disinn u l-iżvilupp ta' skemi ġodda ta' tagħlim u taħriġ se jkunu kruċjali minħabba li t-teknoloġiji u s-software fl-oqsma tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku għaddejjin minn bidla kontinwa. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tipprovdi qafas favorevoli biex jiġu appoġġati l-Istati Parteċipanti. Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-azzjonijiet indiretti, jenħtieġ li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-Impriża Konġunta, bil-mudell tripartitiku tagħha, fir-rigward tal-ġestjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Parteċipanti.***

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tindirizza suġġetti ddefiniti b'mod ċar li jippermettu lill-industriji Ewropej u lill-akkademiċi inġenerali ***jfasslu***, jiżviluppaw u jużaw l-aktar teknoloġiji innovattivi fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fil-computing kwantistiku, u jistabbilixxu infrastruttura integrata u federata, sigura u msawra f'network mal-Unjoni kollha b'kapaċità tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku ta' klassi dinjija, konnettività b'veloċità għolja, applikazzjonijiet mill-aktar avvanzati u servizzi tad-data u tas-software għax-xjenzati tagħha u għal utenti ewlenin oħra mill-industrija, ***inkluż*** l-SMEs u s-settur pubbliku. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta ***timmira lejn*** l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji u ta' infrastrutturi ta' klassi dinjija***, li*** jindirizzaw ir-rekwiżiti eżiġenti tal-utenti tas-setturi xjentifiċi, industrijali u pubbliċi Ewropej.	(25) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tindirizza suġġetti ddefiniti b'mod ċar li jippermettu lill-industriji Ewropej u lill-akkademiċi inġenerali ***jiddisinjaw***, jiżviluppaw u jużaw l-aktar teknoloġiji innovattivi fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fil-computing kwantistiku, u jistabbilixxu infrastruttura integrata u federata, sigura u msawra f'network mal-Unjoni kollha b'kapaċità tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku ta' klassi dinjija, konnettività b'veloċità għolja, applikazzjonijiet mill-aktar avvanzati u servizzi tad-data u tas-software għax-xjenzati tagħha u għal utenti ewlenin oħra mill-industrija, ***inklużi*** l-SMEs***, in-negozji l-ġodda, in-negozji innovattivi*** u s-settur pubbliku. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta ***tkun tista' taħdem b'mod aġli, sempliċi u flessibbli, sabiex tiżgura li*** l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji u ta' infrastrutturi ta' klassi dinjija jindirizzaw ir-rekwiżiti eżiġenti tal-utenti tas-setturi xjentifiċi, industrijali u pubbliċi Ewropej. ***Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tnaqqas b'mod sinifikanti l-ostakli għall-aċċess, bħall-kost tat-tariffi tas-servizzi, il-pożijiet amministrattivi qawwija u nuqqas ta' sensibilizzazzjoni, għall-SMEs u n-negozji l-ġodda fil-faża tar-riċerka u żvilupp (R&Ż), sabiex ikun hemm servizz b'aċċess aktar miftuħ u distribwit. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta jkollha stabbilit sett ta' regoli ċari u sempliċi, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-proprjetà intellettwali, ir-responsabbiltà jew il-kontribuzzjonijiet in natura lil attivitajiet addizzjonali, sabiex tittejjeb l-attraenza għall-partijiet ikkonċernati kollha u b'mod partikolari għall-industrija u l-SMEs.***

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 17

Proposta għal regolament

Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun organizzata madwar seba' pilastri, fejn wieħed minnhom ikun amministrattiv u s-sitta l-oħra tekniċi. Il-pilastru tal-infrastruttura, parti mill-pilastru tal-federazzjoni tas-servizzi tas-supercomputing u l-pilastru tat-twessigħ tal-użu u tal-ħiliet jenħtieġ li jiġu ffinanzjati mill-Programm Ewropa Diġitali. L-attivitajiet l-oħra tal-pilastru tal-federazzjoni tas-servizzi tas-supercomputing, inklużi l-interkonnessjoni mal-ispazji komuni Ewropej tad-data tal-Unjoni u l-infrastrutturi siguri tal-cloud, jenħtieġ li jiġu ffinanzjati mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Jenħtieġ li l-pilastri tat-teknoloġija, tal-applikazzjonijiet u tal-kooperazzjoni internazzjonali jiġu ffinanzjati mill-programm Orizzont Ewropa.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 18

Proposta għal regolament

Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta ***tagħmel sforzi*** biex tnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet ***speċifika*** madwar l-Unjoni ***billi tieħu miżuri ta' sensibilizzazzjoni u*** tassisti fil-bini ta' għarfien ġdid u tal-kapital uman.	(26) ***Meta jitqies li n-nuqqas ta' ħiliet huwa l-ostaklu primarju għall-aċċess għall-infrastruttura tar-riċerka u tal-innovazzjoni u għal investiment akbar fir-riċerka u fl-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni u għall-aċċess għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku,*** jenħtieġ li l-Impriża Konġunta ***tikkontribwixxi b'mod attiv*** biex tnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet ***speċifiċi*** madwar l-Unjoni ***permezz tat-titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, u biex tadotta miżuri ħalli jiżdied il-bilanċ bejn il-ġeneri u tiġi indirizzata d-dimensjoni tal-ġeneru, filwaqt li tattira u żżomm l-aħjar talenti. Jenħtieġ li dan tagħmlu billi*** tassisti fil-bini ta' għarfien ġdid u tal-kapital uman, ***billi tinvolvi ruħha f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni u billi tippromwovi attivitajiet edukattivi u ta' disseminazzjoni, bl-involviment tan-networks akkademiċi, xjentifiċi u tal-għarfien, is-sħab soċjali u ekonomiċi, il-media, l-industrija u l-organizzazzjonijiet tal-SMEs u atturi oħrajn, filwaqt li tipprevjeni t-tipi kollha ta' preġudizzji, speċjalment il-preġudizzji tal-ġeneru u razzjali, milli jiġu introdotti fl-algoritmi, fil-prodotti u fil-konklużjonijiet li jirriżultaw minn xogħolha. Jenħtieġ li dan kollu jkun parti minn sforz ikkoordinat fuq is-sensibilizzazzjoni biex l-utenti potenzjali jiġu infurmati dwar il-possibbiltajiet li l-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u l-computing kwantistiku jistgħu joffru. Teżisti wkoll il-ħtieġa li jinbnew il-kompetenzi fl-akkwisti magħmula fil-qafas ta' dan ir-Regolament.***

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 19

Proposta għal regolament

Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Peress li n-nuqqas ta' ħiliet u esperjenza huwa ostaklu għall-aċċess tat-teknoloġiji tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku, l-Impriża Konġunta jenħtieġ li tħeġġeġ l-iżvilupp ta' lawrji universitarji speċifiċi u programmi edukattivi għall-computing kwantistiku, fid-dawl tal-ħtieġa li dejjem qed tiżdied ta' esperti f'dak il-qasam, u sabiex tevita li toħloq "konġestjoni kwantistika". F'dak ir-rigward, l-Impriża Konġunta tista' tikkontribwixxi biex tgħolli l-livell tal-ħiliet u tal-esperjenza madwar l-Unjoni fost l-istudenti, l-akkademiċi u l-esperti (filwaqt li tiżgura li jkun hemm bilanċ bejn il-ġeneri) fl-oqsma rilevanti, taġġorna l-kompetenzi li jikkombinaw l-għarfien espert tas-software u l-għarfien espert tal-industrija mal-fehim tar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien fix-xjenza u l-innovazzjoni, filwaqt li tagħti attenzjoni speċjali lill-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tadotta miżuri biex tippromwovi l-bilanċ bejn il-ġeneri f'dak il-qasam, filwaqt li tiżgura l-aktar kopertura ġeografika wiesgħa fl-Unjoni.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) F'konformità mal-objettivi tal-politika esterna u tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tiffaċilita ***l-koperazzjoni*** bejn l-Unjoni u l-atturi internazzjonali billi tiddefinixxi strateġija ta' ***koperazzjoni***, li tinkludi l-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' oqsma għall-kooperazzjoni fir-R&Ż u fl-iżvilupp tal-ħiliet u fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet meta jkun hemm benefiċċju reċiproku, kif ukoll l-iżgurar ta' politika ta' aċċess tal-kapaċitajiet u tal-applikazzjonijiet rispettivi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku ***primarjament ibbażati*** fuq ir-reċiproċità.	(27) F'konformità mal-objettivi tal-politika esterna u tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tiffaċilita ***l-kooperazzjoni*** bejn l-Unjoni u l-atturi internazzjonali billi tiddefinixxi strateġija ta' ***kooperazzjoni***, li tinkludi l-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' oqsma għall-kooperazzjoni fir-R&Ż u fl-iżvilupp tal-ħiliet u fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet meta jkun hemm benefiċċju reċiproku, kif ukoll l-iżgurar ta' politika ta' aċċess tal-kapaċitajiet u tal-applikazzjonijiet rispettivi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku ***bbażati*** fuq ir-reċiproċità.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 21

Proposta għal regolament

Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta jkollha l-għan li tippromwovi l-isfruttar ta' kwalunkwe teknoloġija tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja fl-UE li tirriżulta. Jenħtieġ timmira wkoll li tissalvagwardja l-investimenti ***fis-superkompjuters*** li takkwista. B'dan il-mod, jenħtieġ tieħu l-miżuri xierqa biex tiżgura s-sigurtà tal-katina tal-provvista tat-teknoloġiji akkwistati li jenħtieġ ***ikopru*** l-ħajja sħiħa ta' dawn ***is-superkompjuters***.	(28) ***Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tikkoopera mas-"Shubija għall-Computing Avvanzat fl-Ewropa" (PRACE), in-network GÉANT, kif ukoll ma' infrastrutturi tas-supercomputing u tad-data Ewropej u nazzjonali oħra.*** Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta jkollha l-għan li tippromwovi l-isfruttar ta' kwalunkwe teknoloġija tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja fl-UE li tirriżulta. Jenħtieġ ***li*** timmira wkoll li tissalvagwardja l-investimenti ***fis-supercomputers*** li takkwista. B'dan il-mod, jenħtieġ ***li*** tieħu l-miżuri xierqa biex tiżgura s-sigurtà tal-katina tal-provvista tat-teknoloġiji akkwistati li jenħtieġ ***li jkopru*** l-ħajja sħiħa ta' dawn ***is-supercomputers***.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Biex tilħaq l-objettivi tagħha li ***jitfasslu***, ***jiġu*** żviluppati u ***jintużaw*** l-aktar teknoloġiji innovattivi fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fil-computing kwantistiku, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tipprovdi appoġġ finanzjarju, l-aktar fl-għamla ta' għotjiet u ta' akkwist, wara sejħiet miftuħa u kompetittivi għal proposti u sejħiet għal offerti bbażati fuq programmi ta' ħidma annwali. Jenħtieġ li dan l-appoġġ finanzjarju jkun ***mmirat*** b'mod partikolari lejn fallimenti pprovati tas-suq li jipprevjenu l-iżvilupp tal-programm ikkonċernat, jenħtieġ li ma jkunx jeskludi investimenti privati, u jenħtieġ li ma jkollux effett ta' inċentiv b'mod li jbiddel l-imġiba tal-benefiċjarju.	(30) Biex tilħaq l-objettivi tagħha li ***jiġu ddisinjati***, żviluppati u ***użati*** l-aktar teknoloġiji innovattivi fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u fil-computing kwantistiku, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tipprovdi appoġġ finanzjarju, l-aktar fl-għamla ta' għotjiet u ta' akkwist, wara sejħiet miftuħa***, ġusti, trasparenti*** u kompetittivi għal proposti u sejħiet għal offerti bbażati fuq programmi ta' ħidma annwali. Jenħtieġ li dan l-appoġġ finanzjarju jkun ***immirat*** b'mod partikolari lejn fallimenti pprovati tas-suq li jipprevjenu l-iżvilupp tal-programm ikkonċernat, jenħtieġ li ma jkunx jeskludi investimenti privati, u jenħtieġ li ma jkollux effett ta' inċentiv b'mod li jbiddel l-imġiba tal-benefiċjarju.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 23

Proposta għal regolament

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Biex tilħaq l-objettivi tagħha li żżid il-potenzjal ta' innovazzjoni tal-industrija, u b'mod partikolari tal-SMEs, li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-diskrepanza fil-ħiliet ***speċifika*** tappoġġa ż-żieda tal-għarfien u tal-kapital uman u li ttejjeb il-kapaċitajiet tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tappoġġa l-ħolqien, u b'mod partikolari l-bini ta' networks u l-koordinazzjoni ta' ċentri nazzjonali ta' kompetenza fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja madwar l-Unjoni. Jenħtieġ li dawn iċ-ċentri ta' kompetenza jipprovdu servizzi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku lill-industrija, lill-akkademiċi u lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, ***meta jintalbu***. Jenħtieġ li primarjament jippromwovu u jippermettu aċċess għall-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, jiffaċilitaw l-aċċess ***għas-superkompjuters*** u għall-kompjuters kwantistiċi, jindirizzaw l-iskarsezza sinifikanti ta' esperti tekniċi ta' ħiliet, permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, taħriġ u komunikazzjoni, u jniedu attivitajiet ta' bini ta' networks mal-partijiet ikkonċernati u ma' ċentri ta' kompetenza oħra biex jitrawmu innovazzjonijiet usa', pereżempju bl-iskambju u l-promozzjoni tal-aqwa prattika ta' każijiet ta' użu jew ta' esperjenzi ta' applikazzjonijiet, billi jaqsmu l-faċilitajiet tat-taħriġ u l-esperjenzi tagħhom, billi jiffaċilitaw l-iżvilupp konġunt u l-iskambju ta' kodiċijiet paralleli, jew billi jappoġġaw il-qsim ta' applikazzjonijiet u ta' għodod innovattivi għall-utenti pubbliċi u privati, b'mod partikolari għall-SMEs.	(31) Biex tilħaq l-objettivi tagħha li żżid il-potenzjal ta' innovazzjoni tal-industrija, u b'mod partikolari tal-SMEs, ***tan-negozji l-ġodda u tan-negozji innovattivi,*** li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-diskrepanza fil-ħiliet ***speċifiċi,*** tappoġġa ż-żieda tal-għarfien u tal-kapital uman u li ttejjeb il-kapaċitajiet tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tappoġġa l-ħolqien, u b'mod partikolari l-bini ta' networks u l-koordinazzjoni ta' ċentri nazzjonali ta' kompetenza fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja madwar l-Unjoni. Jenħtieġ li dawn iċ-ċentri ta' kompetenza jipprovdu servizzi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku lill-industrija, lill-akkademiċi u lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, ***fuq talba tagħhom u jipprovdu possibbiltà lil individwi u lil organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) biex jużaw il-qawwiet komputazzjonali għal għanijiet soċjalment u ambjentalment ta' benefiċċju***. Jenħtieġ li primarjament jippromwovu u jippermettu aċċess għall-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, jiffaċilitaw l-aċċess ***għas-supercomputers*** u għall-kompjuters kwantistiċi, jindirizzaw l-iskarsezza sinifikanti ta' esperti tekniċi ta' ħiliet, permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, taħriġ u komunikazzjoni, u jniedu attivitajiet ta' bini ta' networks mal-partijiet ikkonċernati u ma' ċentri ta' kompetenza oħra biex jitrawmu innovazzjonijiet usa', pereżempju bl-iskambju u l-promozzjoni tal-aqwa prattika ta' każijiet ta' użu jew ta' esperjenzi ta' applikazzjonijiet, billi jaqsmu l-faċilitajiet tat-taħriġ u l-esperjenzi tagħhom, billi jiffaċilitaw l-iżvilupp konġunt u l-iskambju ta' kodiċijiet paralleli, jew billi jappoġġaw il-qsim ta' applikazzjonijiet u ta' għodod innovattivi għall-utenti pubbliċi u privati, b'mod partikolari għall-SMEs***, għan-negozji l-ġodda u għan-negozji innovattivi. Biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, jenħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji u koordinazzjoni ma' strutturi simili oħra, bħaċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali.***

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 24

Proposta għal regolament

Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta toħloq iperkonnessjoni bejn ***is-superkompjuters*** u l-infrastrutturi tad-data kollha li jkunu proprjetà jew koproprjetà tagħha u teknoloġiji ta' networking tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, b'tali mod li tagħmilhom aċċessibbli b'mod wiesa' madwar l-Unjoni, u jenħtieġ toħloq interkonnessjoni u federazzjoni bejn l-infrastruttura tad-data tas-supercomputing u tal-computing kwantistiku tagħha, kif ukoll bejn infrastrutturi nazzjonali, reġjonali u oħrajn tal-computing ma' pjattaforma komuni. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tiżgura wkoll l-interkonnessjoni tal-infrastrutturi federati u siguri tas-servizzi u tad-data tas-supercomputing u tal-computing kwantistiku ma' spazji komuni Ewropej tad-data u mal-infrastrutturi federati u siguri tal-cloud imħabbra fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 dwar "Strateġija Ewropea għad-Data", għall-provvista bla xkiel tas-servizzi għal firxa wiesgħa ta' utenti pubbliċi u privati madwar l-Ewropa.	(33) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta toħloq iperkonnessjoni bejn ***is-supercomputers*** u l-infrastrutturi tad-data kollha li jkunu proprjetà jew koproprjetà tagħha u teknoloġiji ta' networking tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, b'tali mod li tagħmilhom aċċessibbli b'mod wiesa' madwar l-Unjoni, ***speċjalment għall-SMEs, in-negozji l-ġodda fil-fażi tar-R&Ż u r-riċerkaturi,*** u jenħtieġ ***li*** toħloq interkonnessjoni u federazzjoni bejn l-infrastruttura tad-data tas-supercomputing u tal-computing kwantistiku tagħha, kif ukoll bejn infrastrutturi nazzjonali, reġjonali u oħrajn tal-computing ma' pjattaforma komuni***, sabiex tifforma ekosistema Ewropea b'saħħitha li fiha kull utent tal-cloud ikollu aċċess potenzjali għal riżorsi tal-computing ta' livell għoli kif ukoll għal repożitorji ta' data xjentifika u kummerċjali, filwaqt li jiġu pprovduti riżorsi biex iġibu l-ipproċessar interattiv eqreb għas-sistemi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u bażijiet tad-data ta' skala kbira. Huma meħtieġa wkoll servizzi interattivi tal-computing biex jagħmlu l-ħidma kollaborattiva aktar faċli.*** Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tiżgura wkoll l-interkonnessjoni tal-infrastrutturi federati u siguri tas-servizzi u tad-data tas-supercomputing u tal-computing kwantistiku ***mal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC), GAIA – X u*** ma' spazji komuni Ewropej tad-data u mal-infrastrutturi federati u siguri tal-cloud imħabbra fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 dwar "Strateġija Ewropea għad-Data", għall-provvista bla xkiel tas-servizzi għal firxa wiesgħa ta' utenti pubbliċi u privati madwar l-Ewropa ***u tappoġġa l-użu ta' standards miftuħa, software, hardware u pjattaformi b'sors miftuħ u, fejn xieraq, APIs miftuħa fi sforz biex itnkiseb l-operabbiltà***.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 25

Proposta għal regolament

Recital 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li Orizzont Ewropa u l-Programm Ewropa Diġitali jikkontribwixxu rispettivament biex ***tiixxejjen*** il-qasma tar-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni u biex jitniedu kapaċitajiet ta' supercomputing mifruxa ferm billi jippromwovu sinerġiji ***mal-Fondi Strutturali*** u ***ta' Investiment Ewropej*** (***FSIE***). Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tfittex li tiżviluppa interazzjonijiet mill-qrib ***mal-FSIE***, li ***speċifikament jistgħu jgħinu*** biex ***isaħħu*** l-kapaċitajiet lokali, reġjonali u nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni.	(34) Jenħtieġ li Orizzont Ewropa u l-Programm Ewropa Diġitali jikkontribwixxu rispettivament biex ***tixxejjen*** il-qasma tar-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni u biex jitniedu kapaċitajiet ta' supercomputing mifruxa ferm billi jippromwovu sinerġiji ***mal-programmi u l-politiki rilevanti kollha, b'enfasi partikolari fuq il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)*** u ***l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali*** (***FAEŻR***)***, kif ukoll il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, InvestEU u programmi oħra tal-BEI***. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tfittex li tiżviluppa interazzjonijiet mill-qrib ***ma' dawk il-fondi***, ***bil-għan*** li ***tingħata għajnuna speċifikament*** biex ***jissaħħu*** l-kapaċitajiet lokali, reġjonali u nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 26

Proposta għal regolament

Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tipprovdi qafas favorevoli għall-Istati Parteċipanti li huma Stati Membri biex jużaw ***il-FSIE tagħhom*** għall-akkwist ta' infrastrutturi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku u tad-data u għall-interkonnessjoni tagħhom. L-użu ***tal-FSIE*** fl-attivitajiet tal-Impriża Konġunta hu essenzjali għall-iżvilupp ***fl-Unjoni*** ta' infrastruttura integrata, federata, sigura u iperkonnessa tas-servizzi u tad-data tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku***, għax il-benefiċċji għal din l-infrastruttura jmorru ferm lil hinn mill-utenti tal-Istati Membri***. Jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jużaw ***il-FSIE*** biex jikkontribwixxu għall-kostijiet involuti fl-akkwiżizzjoni ***tas-superkompjuters*** u tal-kompjuters kwantistiċi tal-Impriża Konġunta, jenħtieġ li ***l-Impriża Konġunta tqis is-sehem tal-Unjoni mill-FSIE ta' dan l-Istat Membru, filwaqt li jingħadd biss is-sehem nazzjonali tal-FSIE bħala kontribuzzjoni*** nazzjonali għall-baġit tal-Impriża Konġunta.	(35) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tipprovdi qafas favorevoli għall-Istati Parteċipanti li huma Stati Membri biex jużaw ***il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-FSIE u l-RRF kif ukoll fl-ambitu ta' programmi kofinanzjati permezz tal-FEŻR, il-FSE+, il-FEMS u l-FAEŻR*** għall-akkwist ta' infrastrutturi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku u tad-data u għall-interkonnessjoni tagħhom. L-użu ***tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji*** fl-attivitajiet tal-Impriża Konġunta hu essenzjali għall-iżvilupp ***madwar l-Unjoni*** ta' infrastruttura integrata, ***ibbażata fuq l-eċċellenza,*** federata, sigura u iperkonnessa tas-servizzi u tad-data tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku. Jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jużaw ***dawk il-kontribuzzjonijiet finanzjarji*** biex jikkontribwixxu għall-kostijiet involuti fl-akkwiżizzjoni ***tas-supercomputers*** u tal-kompjuters kwantistiċi tal-Impriża Konġunta, ***dawk il-kontribuzzjonijiet*** jenħtieġ li ***jitqiesu kontribuzzjonijiet*** nazzjonali għall-baġit tal-Impriża Konġunta***, dment li jkun hemm konformità mal-Artikolu 106 u ma' dispożizzjonijiet applikabbli oħra tar-Regolament (UE) …/… ([1a]) u r-regolamenti speċifiċi għall-fond***.

([1a]) Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'…li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L …, …, p. …).

Emenda 27

Proposta għal regolament

Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) Jenħtieġ li jkun possibbli għall-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li jikkomplementaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Impriża Konġunta, dment li l-appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jkun addizzjonali għal dak ipprovdut mill-fondi tal-Unjoni tal-Impriża Konġunta u ma jkoprix l-istess spiża, minkejja l-fatt li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jenħtieġ li ma titqiesx bħala kontribuzzjoni nazzjonali għall-baġit tal-Impriża Konġunta.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 28

Proposta għal regolament

Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni mill-fondi tal-Programm Ewropa Diġitali tkopri parzjalment il-kostijiet ***tal-akkwist*** ta' ***superkompjuters*** ta' livell għoli, ta' kompjuters kwantistiċi, ta' ***superkompjuters*** ta' grad industrijali u ta' ***superkompjuters*** ta' livell medju għal allinjament mal-objettiv tal-Impriża Konġunta li tikkontribwixxi għall-ġbir flimkien tar-riżorsi biex l-Unjoni tiġi mgħammra ***b'superkompjuters*** u kompjuters kwantistiċi ta' klassi dinjija. Il-kostijiet ***kumplimentari*** ta' dawn ***is-superkompjuters*** u l-kompjuters kwantistiċi jenħtieġ ***ikunu*** koperti mill-Istati Parteċipanti, jew mill-Membri Privati jew mill-konsorzji ta' sħab privati. Is-sehem mill-ħin tal-aċċess tal-Unjoni għal dawn ***is-superkompjuters*** jew il-kompjuters kwantistiċi jenħtieġ ***ikun*** proporzjonat direttament għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-akkwist ta' dawn ***is-superkompjuters*** u l-kompjuters kwantistiċi u jenħtieġ li ma jkunx jaqbeż il-50 % tal-ħin totali tal-aċċess ta' dawn ***is-superkompjuters*** jew il-kompjuters kwantistiċi.	(36) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni mill-fondi tal-Programm Ewropa Diġitali tkopri parzjalment il-kostijiet ***tal-akkwiżizzjoni*** ta' ***supercomputers*** ta' livell għoli, ta' kompjuters kwantistiċi, ta' ***supercomputers*** ta' grad industrijali ***mill-inqas ta' livell medju*** u ta' ***supercomputers*** ta' livell medju għal allinjament mal-objettiv tal-Impriża Konġunta li tikkontribwixxi għall-ġbir flimkien tar-riżorsi biex l-Unjoni tiġi mgħammra ***b'supercomputers*** u kompjuters kwantistiċi ta' klassi dinjija. Il-kostijiet ***supplimentari*** ta' dawn ***is-supercomputers*** u l-kompjuters kwantistiċi jenħtieġ ***li jkunu*** koperti mill-Istati Parteċipanti, jew mill-Membri Privati jew mill-konsorzji ta' sħab privati. Is-sehem mill-ħin tal-aċċess tal-Unjoni għal dawn ***is-supercomputers*** jew il-kompjuters kwantistiċi jenħtieġ ***li jkun*** proporzjonat direttament għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-akkwist ta' dawn ***is-supercomputers*** u l-kompjuters kwantistiċi u jenħtieġ li ma jkunx jaqbeż il-50 % tal-ħin totali tal-aċċess ta' dawn ***is-supercomputers*** jew il-kompjuters kwantistiċi.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 29

Proposta għal regolament

Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun il-proprjetarju ***tas-superkompjuters*** u tal-kompjuters kwantistiċi ta' livell għoli li tkun akkwistat. Jenħtieġ li t-tħaddim ta' kull superkompjuter jew kompjuter kwantistiku jiġi fdat f'idejn entità tal-hosting. Jenħtieġ li l-entità tal-hosting tkun tista' tirrappreżenta lil Stat Parteċipanti wieħed li jkun Stat Membru jew konsorzju ta' Stati Parteċipanti tal-hosting. L-entità tal-hosting jenħtieġ tkun f'pożizzjoni li tipprovdi stima preċiża u li tivverifika l-kostijiet operatorji ***tas-superkompjuter***, billi tiżgura, pereżempju, is-separazzjoni funzjonali u, sa fejn tkun possibbli, is-separazzjoni fiżika ***tas-superkompjuters*** jew tal-kompjuters kwantistiċi ta' livell għoli tal-Impriża Konġunta u ta' kull sistema tal-computing nazzjonali jew reġjonali li tħaddem. Jenħtieġ li l-entità tal-hosting ***tingħażel*** mill-Bord tat-Tmexxija tal-Impriża Konġunta ("Bord tat-Tmexxija") wara sejħa għal espressjoni ta' interess ***evalwata*** minn esperti indipendenti Ladarba tintgħażel entità tal-hosting, jenħtieġ li l-Istat Parteċipanti fejn tkun stabbilita l-entità tal-hosting jew il-konsorzju tal-hosting, ikunu jistgħu jiddeċiedu li jistiednu lil Stati Parteċipanti oħra biex jissieħbu u jikkontribwixxu għall-finanzjament ***tas-superkompjuter*** jew tal-kompjuter kwantistiku ta' livell għoli li jkun se jiġi installat fl-entità tal-hosting magħżula. Jekk mal-Konsorzju tal-hosting magħżul jissieħbu Stati Parteċipanti addizzjonali, jenħtieġ li dan isir mingħajr preġudizzju għall-ħin tal-aċċess tal-Unjoni ***għas-superkompjuters***. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti f'konsorzju tal-hosting għas-superkompjuter jew għall-kompjuter kwantistiku jenħtieġ jissarrfu f'ishma tal-ħin tal-aċċess għal dak ***is-superkompjuter*** jew il-kompjuter kwantistiku. Jenħtieġ li l-Istati Parteċipanti jaqblu bejniethom dwar it-tqassim tas-sehem tagħhom tal-ħin tal-aċċess ***għas-superkompjuter*** jew għall-kompjuter kwantistiku.	(37) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun il-proprjetarju ***tas-supercomputers*** u tal-kompjuters kwantistiċi ta' livell għoli li tkun akkwistat. Jenħtieġ li t-tħaddim ta' kull ***supercomputer*** jew kompjuter kwantistiku jiġi fdat f'idejn entità tal-hosting. Jenħtieġ li l-entità tal-hosting tkun tista' tirrappreżenta lil Stat Parteċipanti wieħed li jkun Stat Membru jew konsorzju ta' Stati Parteċipanti tal-hosting. L-entità tal-hosting jenħtieġ ***li*** tkun f'pożizzjoni li tipprovdi stima preċiża u li tivverifika l-kostijiet operatorji ***tas-supercomputer***, billi tiżgura, pereżempju, is-separazzjoni funzjonali u, sa fejn tkun possibbli, is-separazzjoni fiżika ***tas-supercomputers*** jew tal-kompjuters kwantistiċi ta' livell għoli tal-Impriża Konġunta u ta' kull sistema tal-computing nazzjonali jew reġjonali li tħaddem. Jenħtieġ li l-entità tal-hosting ***tiżviluppa pjan ta' ġestjoni tal-enerġija sostenibbli għall-infrastruttura akkwistata. Jenħtieġ li l-entità tal-hosting tintgħażel*** mill-Bord tat-Tmexxija tal-Impriża Konġunta ("Bord tat-Tmexxija") wara sejħa ***miftuħa, ġusta u trasparenti*** għal espressjoni ta' interess ***ivvalutata*** minn esperti indipendenti. Ladarba tintgħażel entità tal-hosting, jenħtieġ li l-Istat Parteċipanti fejn tkun stabbilita l-entità tal-hosting jew il-konsorzju tal-hosting, ikunu jistgħu jiddeċiedu li jistiednu lil Stati Parteċipanti oħra biex jissieħbu u jikkontribwixxu għall-finanzjament ***tas-supercomputer*** jew tal-kompjuter kwantistiku ta' livell għoli li jkun se jiġi installat fl-entità tal-hosting magħżula. Jekk mal-Konsorzju tal-hosting magħżul jissieħbu Stati Parteċipanti addizzjonali, jenħtieġ li dan isir mingħajr preġudizzju għall-ħin tal-aċċess tal-Unjoni ***għas-supercomputers***. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti f'konsorzju tal-hosting ***għas-supercomputer*** jew għall-kompjuter kwantistiku jenħtieġ ***li*** jissarrfu f'ishma tal-ħin tal-aċċess għal dak ***is-supercomputer*** jew il-kompjuter kwantistiku. Jenħtieġ li l-Istati Parteċipanti jaqblu bejniethom dwar it-tqassim tas-sehem tagħhom tal-ħin tal-aċċess ***għas-supercomputer*** jew għall-kompjuter kwantistiku.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 30

Proposta għal regolament

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta takkwista b'mod konġunt mal-Istati Parteċipanti ***s-superkompjuters*** ta' livell medju. Jenħtieġ li t-tħaddim ta' kull ***superkompjuter*** ta' livell medju jiġi fdat f'idejn entità tal-hosting. Jenħtieġ li l-entità tal-hosting tkun tista' tirrappreżenta lil Stat Parteċipanti wieħed li jkun Stat Membru jew konsorzju ta' Stati Parteċipanti tal-hosting. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun proprjetarju tal-parti li tikkorrispondi għas-sehem tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-kostijiet ***tal-akkwist*** mill-fondi tal-Programm Ewropa Diġitali. Jenħtieġ li l-entità tal-hosting ***tingħażel*** mill-Bord tat-Tmexxija ***tal-Impriża Konġunta ("Bord tat-Tmexxija") wara sejħa*** għal espressjoni ta' interess ***evalwata*** minn esperti indipendenti Jenħtieġ li s-sehem tal-ħin ta' aċċess tal-Unjoni għal kull ***superkompjuter*** ta' livell medju jkun proporzjonat direttament għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-fondi tal-Programm Ewropa Diġitali għall-kostijiet tal-akkwist ta' dak ***is-superkompjuter*** ta' livell medju. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun tista' tittrasferixxi s-sjieda tagħha lill-entità tal-hosting ***jew*** meta tkun qed tiġi llikwidata. F'dak il-każ, jenħtieġ l-entità tal-hosting trodd lura lill-Impriża Konġunta l-valur residwu ***tas-superkompjuter***.	(39) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta takkwista b'mod konġunt mal-Istati Parteċipanti ***s-supercomputers*** ta' livell medju. Jenħtieġ li t-tħaddim ta' kull ***supercomputer*** ta' livell medju jiġi fdat f'idejn entità tal-hosting. Jenħtieġ li l-entità tal-hosting tkun tista' tirrappreżenta lil Stat Parteċipanti wieħed li jkun Stat Membru jew konsorzju ta' Stati Parteċipanti tal-hosting. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta jkollha s-sjieda tal-parti li tikkorrispondi għas-sehem tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-kostijiet ***tal-akkwiżizzjoni*** mill-fondi tal-Programm Ewropa Diġitali. Jenħtieġ li l-entità tal-hosting ***tintgħażel*** mill-Bord tat-Tmexxija ***wara sejħa miftuħa, ġusta u trasparenti*** għal espressjoni ta' interess ***ivvalutata*** minn esperti indipendenti. Jenħtieġ li s-sehem tal-ħin ta' aċċess tal-Unjoni għal kull ***supercomputer*** ta' livell medju jkun proporzjonat direttament għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-fondi tal-Programm Ewropa Diġitali għall-kostijiet tal-akkwist ta' dak ***is-supercomputer*** ta' livell medju. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun tista' tittrasferixxi s-sjieda tagħha lill-entità tal-hosting meta tkun qed tiġi llikwidata. F'dak il-każ, jenħtieġ l-entità tal-hosting trodd lura lill-Impriża Konġunta l-valur residwu ***tas-supercomputer***.

Emenda 31

Proposta għal regolament

Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(39a) Biex tiġi promossa distribuzzjoni bilanċjata madwar l-Unjoni ta' supercomputers tal-EuroHPC u l-emerġenza ta' ekosistema infrastrutturali federata faċilment aċċessibbli, jenħtieġ li japplikaw kundizzjonijiet speċifiċi ta' eliġibbiltà fis-sejħiet għal espressjoni ta' interess ta' supercomputer tal-EuroHPC għal Stat Parteċipanti li diġà jkun qed jospita supercomputer tal-EuroHPC.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 32

Proposta għal regolament

Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun tista' takkwista ***is-superkompjuters*** ta' grad industrijali, flimkien mal-Membri Privati jew ma' konsorzju ta' sħab privati. Jenħtieġ li t-tħaddim ta' kull ***superkompjuter*** bħal dan jiġi fdat f'idejn entità tal-hosting eżistenti. Jenħtieġ li l-entità tal-hosting tkun tista' tassoċja ruħha mal-Membri Privati jew mal-konsorzju ta' sħab privati ***għall-akkwist*** u għall-operat ta' tali ***superkompjuter***. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta ***tkun proprjetarju*** tal-parti li tikkorrispondi għas-sehem tal-kontribuzzjoni finanzjarja ta-l-Unjoni mill-kostijiet ***tal-akkwist*** mill-fondi tal-Programm Ewropa Diġitali. Jenħtieġ li l-entità tal-hosting u l-Membri Privati assoċjati tagħha jew il-konsorzju ta' sħab privati ***jingħażlu*** mill-Bord tat-Tmexxija wara ***sejħa*** għal espressjoni ta' interess evalwata minn esperti indipendenti. Jenħtieġ li s-sehem tal-ħin tal-aċċess tal-Unjoni għal kull ***superkompjuter*** bħal dan ikun proporzjonat direttament għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-fondi tal-Programm Ewropa Diġitali għall-kostijiet ***tal-akkwist*** ta' dak ***is-superkompjuter*** ta' grad industrijali. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun tista' tilħaq ftehim mal-Membri Privati jew mal-konsorzju ta' sħab privati biex tbigħ dan ***is-superkompjuter*** lil entità oħra jew tiddekummissjonah. Inkella, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun tista' tittrasferixxi s-sjieda ta' dan ***is-superkompjuter*** lill-Membri Privati jew lill-konsorzju ta' sħab privati. F'dan il-każ jew meta l-Impriża Konġunta tkun qed tiġi likwidata, jenħtieġ li l-Membri Privati jew il-konsorzju ta' sħab privati jirrimborżaw lill-Impriża Konġunta l-valur residwu tas-sehem tal-Unjoni ***tas-superkompjuter***. Jekk l-Impriża Konġunta u l-Membri Privati jew il-konsorzju ta' sħab privati jiddeċiedu li jipproċedu bid-dekummissjonar ***tas-superkompjuter*** wara d-deprezzament sħiħ tal-operat tiegħu, jenħtieġ li dawn il-kostijiet ikunu koperti mill-Membri Privati jew mill-konsorzju ta' sħab privati.	(40) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun tista' takkwista ***s-supercomputers*** ta' grad industrijali, ***li tal-inqas ikunu ta' livell medju,*** flimkien mal-Membri Privati jew ma' konsorzju ta' sħab privati. Jenħtieġ li t-tħaddim ta' kull ***supercomputer*** bħal dan jiġi fdat f'idejn entità tal-hosting eżistenti. Jenħtieġ li l-entità tal-hosting tkun tista' tassoċja ruħha mal-Membri Privati jew mal-konsorzju ta' sħab privati ***għall-akkwiżizzjoni*** u għall-operat ta' tali ***supercomputer***. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta ***jkollha s-sjieda*** tal-parti li tikkorrispondi għas-sehem tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-kostijiet ***tal-akkwiżizzjoni*** mill-fondi tal-Programm Ewropa Diġitali. Jenħtieġ li l-entità tal-hosting u l-Membri Privati assoċjati tagħha jew il-konsorzju ta' sħab privati ***jintgħażlu*** mill-Bord tat-Tmexxija wara ***proċedura trasparenti, miftuħa u kompetittiva, u s-sejħa*** għal espressjoni ta' interess ***jenħtieġ li tiġi*** evalwata minn esperti indipendenti. Jenħtieġ li s-sehem tal-ħin tal-aċċess tal-Unjoni għal kull ***supercomputer*** bħal dan ikun proporzjonat direttament għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-fondi tal-Programm Ewropa Diġitali għall-kostijiet ***tal-akkwiżizzjoni*** ta' dak ***is-supercomputer*** ta' grad industrijali. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun tista' tilħaq ftehim mal-Membri Privati jew mal-konsorzju ta' sħab privati biex tbigħ dan ***is-supercomputer*** lil entità oħra jew tiddekummissjonah. Inkella, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun tista' tittrasferixxi s-sjieda ta' dan ***is-supercomputer*** lill-Membri Privati jew lill-konsorzju ta' sħab privati. F'dan il-każ jew meta l-Impriża Konġunta tkun qed tiġi likwidata, jenħtieġ li l-Membri Privati jew il-konsorzju ta' sħab privati jirrimborżaw lill-Impriża Konġunta l-valur residwu tas-sehem tal-Unjoni ***tas-supercomputer***. Jekk l-Impriża Konġunta u l-Membri Privati jew il-konsorzju ta' sħab privati jiddeċiedu li jipproċedu bid-dekummissjonar ***tas-supercomputer*** wara d-deprezzament sħiħ tal-operat tiegħu, jenħtieġ li dawn il-kostijiet ikunu koperti mill-Membri Privati jew mill-konsorzju ta' sħab privati.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 33

Proposta għal regolament

Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) ***Għas-superkompjuters*** ta' grad industrijali, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tikkunsidra l-ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti industrijali, pereżempju l-proċeduri tal-aċċess, il-kwalità u t-tip ta' servizzi, il-protezzjoni tad-data, il-protezzjoni tal-innovazzjoni industrijali, u l-proprjetà intellettwali, l-utilizzabilità, il-fiduċja, u rekwiżiti oħra relatati mal-kunfidenzjalità u mas-sigurtà.	(41) ***Fit-terminu medju, l-Impriża Konġunta jenħtieġ li timmira li tiddefinixxi s-supercomputers tal-EuroHPC u jenħtieġ li tiżgura li huma jkunu konformi mal-oġħla standards u rekwiżiti possibbli ta' sigurtà, b'mod partikolari ċ-ċibersigurtà, aċċessibbiltà u użabbiltà, b'mod partikolari għall-industrija u l-SMEs. Għas-supercomputers*** ta' grad industrijali, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tikkunsidra l-ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti industrijali, pereżempju l-proċeduri tal-aċċess, il-kwalità u t-tip ta' servizzi, il-protezzjoni tad-data, il-protezzjoni tal-innovazzjoni industrijali, u l-proprjetà intellettwali, l-utilizzabilità, il-fiduċja, u rekwiżiti oħra relatati mal-kunfidenzjalità u mas-sigurtà.

Emenda 34

Proposta għal regolament

Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Jenħtieġ li d-disinn u l-operat ***tas-superkompjuters*** appoġġati mill-Impriża Konġunta ***jqisu*** l-effiċjenza enerġetika u ***s-sostenibbiltà ambjentali***, pereżempju bl-użu ta' teknoloġija b'konsum baxx tal-enerġija, iffrankar dinamiku tal-enerġija u tekniki ta' użu mill-ġdid bħal tkessiħ avvanzat u riċiklaġġ tas-sħana.	(42) Jenħtieġ li d-disinn u l-operat ***tas-supercomputers*** appoġġati mill-Impriża Konġunta ***jindirizzaw dejjem*** l-effiċjenza enerġetika***, is-sostenibbiltà ambjentali*** u ***ċ-ċirkolarità, filwaqt li jikkontribwixxu għan-newtralità karbonika, inkluż billi jintużaw il-ftehimiet tax-xiri ta' enerġija rinnovabbli, b'kunsiderazzjoni tal-valur miżjud tal-integrazzjoni tagħhom fis-sistema tal-enerġija komprensiva li teżisti fejn jinsabu***, pereżempju bl-użu ta' ***elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli,*** teknoloġija b'konsum baxx tal-enerġija, iffrankar dinamiku tal-enerġija u tekniki ta' użu mill-ġdid, bħal tkessiħ avvanzat u riċiklaġġ tas-sħana.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 35

Proposta għal regolament

Premessa 42a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(42a) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tindirizza d-domanda dejjem tikber għall-enerġija kkawżata miż-żieda fl-użu tal-infrastruttura tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, billi tissimplifika l-objettivi tagħha bi strateġiji, politika u leġiżlazzjoni rilevanti fis-settur tal-enerġija. Barra minn hekk, billi tgħaqqad flimkien servers effiċjenti mil-lat ta' enerġija ma' għodod sofistikati għall-ġestjoni tal-ammont ta' xogħol, l-Impriża Konġunta se ttejjeb l-effiċjenza kemm fuq il-post kif ukoll fil-cloud, filwaqt li tnaqqas il-kost u l-impronta tal-karbonju taċ-ċentri tad-data.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 36

Proposta għal regolament

Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Jenħtieġ li l-allokazzjoni tal-ħin tal-aċċess ***għas-superkompjuters*** tal-Impriża Konġunta tkun mingħajr ħlas għall-utenti pubbliċi. Jenħtieġ tkun mingħajr ħlas ukoll għall-utenti privati għall-applikazzjonijiet tagħhom relatati mal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni ***ffinanzjati minn Orizzont Ewropa jew mill-Programm Ewropa Diġitali***, ***kif ukoll għall-attivitajiet privati tal-innovazzjoni tal-SMEs, meta xieraq***. Jenħtieġ li din l-allokazzjoni tal-ħin tal-aċċess tkun ibbażata primarjament fuq sejħiet miftuħa għal espressjoni ta' interess imnedija mill-Impriża Konġunta u evalwati minn esperti indipendenti. Għajr għall-utenti tal-SMEs li jwettqu attivitajiet privati tal-innovazzjoni, jenħtieġ li l-utenti kollha li jibbenefikaw minn ħin tal-aċċess mingħajr ħlas ***għas-superkompjuters*** tal-Impriża Konġunta jadottaw approċċ tax-xjenza miftuħa u jqassmu l-għarfien miksub minn dan l-aċċess, f'konformità mar-Regolament dwar Orizzont Ewropa. L-allokazzjoni tal-ħin tal-aċċess tal-utenti għall-attivitajiet ekonomiċi għajr l-attivitajiet privati tal-innovazzjoni tal-SMEs (li jaffaċċjaw fallimenti partikolari tas-suq), jenħtieġ li tingħata fuq bażi ta' ħlas skont l-użu***, skont il-prezzijiet tas-suq***. L-allokazzjoni tal-ħin tal-aċċess għal dawn l-attivitajiet ekonomiċi jenħtieġ tkun permessa iżda limitata u l-livell tat-tariffa li trid titħallas jenħtieġ jiġi stabbilit mill-Bord tat-Tmexxija. Jenħtieġ li d-drittijiet tal-aċċess jiġu allokati b'mod trasparenti. Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jiddefinixxi regoli speċifiċi biex il-ħin tal-aċċess jingħata mingħajr ħlas, meta xieraq, u mingħajr sejħa għal espressjoni ta' interess għal inizjattivi li jitqiesu strateġiċi ***jew*** mill-Unjoni jew mill-Bord tat-Tmexxija. Fost l-eżempji rappreżentattivi tal-inizjattivi strateġiċi tal-Unjoni hemm: Destinazzjoni d-Dinja, il-Proġett Emblematiku Human Brain, l-inizjattiva "1+ Million Genomes", l-ispazji komuni Ewropej tad-data li joperaw f'dominji ta' interess pubbliku, u b'mod partikolari l-ispazju tad-data dwar is-saħħa, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza u ċ-Ċentri ta' Kompetenza tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, iċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali, eċċ. Meta tintalab mill-Unjoni, l-Impriża Konġunta jenħtieġ tagħti ħin tal-aċċess dirett fuq bażi temporanja jew permanenti għal inizjattivi strateġiċi u għal pjattaformi ta' applikazzjonijiet eżistenti jew futuri li tqis essenzjali għall-provvista ta' servizzi ta' appoġġ għal emerġenzi relatati mas-saħħa jew oħrajn kruċjali għall-ġid pubbliku, għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' ġestjoni tal-kriżijiet jew għal każijiet li l-Unjoni tqis essenzjali għas-sigurtà u għad-difiża tagħha. L-Impriża Konġunta jenħtieġ titħalla twettaq ftit attivitajiet ekonomiċi limitati għal finijiet kummerċjali. Jenħtieġ jingħata aċċess lill-utenti li jirrisjedu, li jkunu stabbiliti jew li jinsabu fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż assoċjat mal-Programm Ewropa Diġitali u ma' Orizzont Ewropa. Jenħtieġ li d-drittijiet tal-aċċess ikunu ekwitabbli għal kull utent u jiġu allokati b'mod trasparenti. Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jiddefinixxi u jissorvelja d-drittijiet tal-aċċess għas-sehem tal-ħin tal-aċċess tal-Unjoni għal kull ***superkompjuter***.	(44) Jenħtieġ li l-allokazzjoni tal-ħin tal-aċċess ***għas-supercomputers*** tal-Impriża Konġunta tkun mingħajr ħlas għall-utenti pubbliċi. Jenħtieġ ***li*** tkun mingħajr ħlas ukoll għall-utenti privati***, inklużi NGOs u individwi,*** għall-applikazzjonijiet tagħhom relatati mal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni***, kif ukoll għall-attivitajiet privati tal-innovazzjoni tal-SMEs u n-negozji ġodda***, ***abbażi ta' kriterji u proċeduri ġusti u trasparenti***. Jenħtieġ li din l-allokazzjoni tal-ħin tal-aċċess tkun ibbażata primarjament fuq sejħiet ***perjodiċi, rieżaminati bejn il-pari u*** miftuħa ***kif ukoll trasparenti*** għal espressjoni ta' interess imnedija mill-Impriża Konġunta u evalwati minn esperti indipendenti ***bil-għan li tiġi żgurata allokazzjoni bbilanċjata u xierqa tar-riżorsi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja***. Għajr għall-utenti SMEs ***u negozji ġodda*** li jwettqu attivitajiet privati tal-innovazzjoni, jenħtieġ li l-utenti kollha li jibbenefikaw minn ħin tal-aċċess mingħajr ħlas ***għas-supercomputers*** tal-Impriża Konġunta jadottaw approċċ tax-xjenza miftuħa u jqassmu l-għarfien miksub minn dan l-aċċess, f'konformità mar-Regolament dwar Orizzont Ewropa. L-allokazzjoni tal-ħin tal-aċċess tal-utenti għall-attivitajiet ekonomiċi għajr l-attivitajiet privati tal-innovazzjoni tal-SMEs ***u tan-negozji ġodda*** (li jaffaċċjaw fallimenti partikolari tas-suq), jenħtieġ li tingħata fuq bażi ta' ħlas skont l-użu ***fuq prezzijiet ibbażati fuq il-kost***. L-allokazzjoni tal-ħin tal-aċċess għal dawn l-attivitajiet ekonomiċi jenħtieġ ***li*** tkun permessa iżda limitata u l-livell tat-tariffa li trid titħallas jenħtieġ ***li*** jiġi stabbilit mill-Bord tat-Tmexxija ***b'mod trasparenti***. Jenħtieġ li d-drittijiet tal-aċċess jiġu allokati ***b'mod miftuħ u*** trasparenti. Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jiddefinixxi regoli speċifiċi biex il-ħin tal-aċċess jingħata mingħajr ħlas, meta xieraq, u mingħajr sejħa għal espressjoni ta' interess għal inizjattivi li jitqiesu strateġiċi mill-Unjoni jew mill-Bord tat-Tmexxija. Fost l-eżempji rappreżentattivi tal-inizjattivi strateġiċi tal-Unjoni hemm: Destinazzjoni d-Dinja, il-Proġett Emblematiku Human Brain, l-inizjattiva "1+ Million Genomes", l-ispazji komuni Ewropej tad-data li joperaw f'dominji ta' interess pubbliku, u b'mod partikolari l-ispazju tad-data dwar is-saħħa, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza u ċ-Ċentri ta' Kompetenza tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, iċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali, eċċ.. Meta tintalab mill-Unjoni, l-Impriża Konġunta jenħtieġ ***li*** tagħti ħin tal-aċċess dirett fuq bażi temporanja jew permanenti għal inizjattivi strateġiċi u għal pjattaformi ta' applikazzjonijiet eżistenti jew futuri li tqis essenzjali għall-provvista ta' servizzi ta' appoġġ għal emerġenzi relatati mas-saħħa jew oħrajn kruċjali għall-ġid pubbliku, għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' ġestjoni tal-kriżijiet jew għal każijiet li l-Unjoni tqis essenzjali għas-sigurtà u għad-difiża tagħha. L-Impriża Konġunta jenħtieġ ***li*** titħalla twettaq ftit attivitajiet ekonomiċi limitati għal finijiet kummerċjali. Jenħtieġ ***li*** jingħata aċċess lill-utenti li jirrisjedu, li jkunu stabbiliti jew li jinsabu fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż assoċjat mal-Programm Ewropa Diġitali u ma' Orizzont Ewropa. Jenħtieġ li d-drittijiet tal-aċċess ikunu ekwitabbli għal kull utent u jiġu allokati b'mod ***miftuħ u*** trasparenti. Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jiddefinixxi u jissorvelja d-drittijiet tal-aċċess għas-sehem tal-ħin tal-aċċess tal-Unjoni għal kull ***supercomputer***.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 37

Proposta għal regolament

Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Il-governanza tal-Impriża Konġunta jenħtieġ tkun żgurata minn żewġ korpi: Bord tat-Tmexxija u Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku. Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Istati Parteċipanti. Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jkun responsabbli għat-tfassil tal-politika strateġika u għad-deċiżjonijiet ta' finanzjament relatati mal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta, b'mod partikolari għall-attivitajiet kollha tal-akkwist pubbliku. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku jenħtieġ jinkludi rappreżentanti mid-dinja akkademika u mill-industrija bħal utenti u fornituri tat-teknoloġija. Jenħtieġ jagħti pariri indipendenti lill-Bord tat-Tmexxija fuq l-aġenda strateġika dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, fuq l-akkwist u l-operat ***tas-super-kompjuters*** li jkunu proprjetà tal-Impriża Konġunta, fuq il-programm tal-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità u ta' twessigħ tal-kapaċitajiet u fuq il-programm tal-attivitajiet ta' federazzjoni, ta' konnettività u ta' ***koperazzjoni*** internazzjonali.	(47) Il-governanza tal-Impriża Konġunta jenħtieġ ***li*** tkun żgurata minn żewġ korpi: Bord tat-Tmexxija u Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku. Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Istati Parteċipanti. Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jkun responsabbli għat-tfassil tal-politika strateġika u għad-deċiżjonijiet ta' finanzjament relatati mal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta, b'mod partikolari għall-attivitajiet kollha tal-akkwist pubbliku. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku jenħtieġ ***li*** jinkludi rappreżentanti mid-dinja akkademika u mill-industrija bħal utenti u fornituri tat-teknoloġija. Jenħtieġ ***li*** jagħti pariri indipendenti lill-Bord tat-Tmexxija fuq l-aġenda strateġika dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, fuq l-akkwist u l-operat ***tas-supercomputers*** li jkunu proprjetà tal-Impriża Konġunta, fuq il-programm tal-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità u ta' twessigħ tal-kapaċitajiet u fuq il-programm tal-attivitajiet ta' federazzjoni, ta' konnettività u ta' ***kooperazzjoni*** internazzjonali. ***Il-qafas ta' governanza tal-Impriża Konġunta jenħtieġ li jinkludi wkoll forum tal-utenti li jipprovdi pariri indipendenti dwar il-ħtiġijiet tal-utenti lill-bord tat-tmexxija u lil gruppi oħra. Il-forum tal-utenti jenħtieġ li jistabbilixxi l-kriterji speċifiċi u l-proċess tal-għażla għall-membri li jaħtar.***

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 38

Proposta għal regolament

Premessa 47a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(47a) Peress li s-supercomputers huma orjentati lejn id-domanda u mmexxija mill-utenti, l-Impriża Konġuntajenħtieġ li żżomm djalogu permanenti mas-soċjetà ċivili u l-utenti tal-infrastrutturi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja. L-involviment kontinwu u effettiv tal-utenti, b'mod partikolari biex jiġi implimentat l-approċċ ta' kodisinn meħtieġ biex tissaħħaħ l-adozzjoni, b'mod partikolari għall-applikazzjonijiet kummerċjali, mill-industrija, l-SMEs, u l-kumpaniji innovattivi u n-negozji l-ġodda, jista' jkollu valur miżjud għoli u effett multiplikatur. Il-kontribut min-naħa tal-utenti jenħtieġ li jiġi mfittex b'mod attiv permezz ta' proċess ta' konsultazzjoni regolari mal-utenti finali mis-setturi pubbliċi u privati. Għal dak il-għan, il-Bord tat-Tmexxija jenħtieġ li jistabbilixxi grupp ta' ħidma għall-utenti (il-"forum tal-utenti") biex jassisti fl-identifikazzjoni tat-titjib fil-kwalità tas-servizz, tal-użabbiltà, tal-fiduċja u tar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-utenti pubbliċi u privati. Il-forum tal-utenti jenħtieġ li jinkludi rappreżentanti mis-soċjetà ċivili, utenti industrijali u pubbliċi, sħab soċjali tal-Unjoni, SMEs u atturi Ewropej indipendenti fil-katina tal-valur fl-iżvilupp tas-software.

Emenda 39

Proposta għal regolament

Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tiġi ġestita f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba u mar-regoli rilevanti dwar il-ġestjoni indiretta stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Jenħtieġ li r-regoli applikabbli għall-Impriża Konġunta biex tidħol fi proċeduri tal-akkwist pubbliku jkunu ***stabiliti*** fir-regoli finanzjarji tagħha.	(49) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tiġi ġestita f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba u ***tas-simplifikazzjoni amministrattiva u*** mar-regoli rilevanti dwar il-ġestjoni indiretta stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Jenħtieġ li r-regoli applikabbli għall-Impriża Konġunta biex tidħol fi proċeduri tal-akkwist pubbliku jkunu ***stabbiliti*** fir-regoli finanzjarji tagħha.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 40

Proposta għal regolament

Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Biex trawwem ekosistema innovattiva u ***kompetittiva*** tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u tal-computing kwantistiku ta' eċċellenza rikonoxxuta, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tħaddem kif xieraq l-istrumenti tal-akkwist u tal-għoti, ***inkluż*** l-akkwist konġunt, l-akkwist prekummerċjali u l-akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi.	(50) Biex trawwem ekosistema innovattiva***, kompetittiva*** u ***reżiljenti*** tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u tal-computing kwantistiku ta' eċċellenza rikonoxxuta ***u li tkun mifruxa b'mod wiesa' madwar l-Unjoni***, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tħaddem kif xieraq l-istrumenti tal-akkwist u tal-għoti, ***inkluż*i** l-akkwist konġunt, l-akkwist prekummerċjali u l-akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi. ***L-użu ta' tali strumenti ta' akkwist u għoti għandu jiffaċilita l-involviment tal-SMEs, il-mikrointrapriżi u n-negozji l-ġodda, u r-raggruppamenti tagħhom. L-Impriża Konġunta se tqis il-possibbiltà li ttejjeb il-faċilitajiet eżistenti biex tiżgura teknoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u ekosistema ta' klassi dinjija f'teknoloġiji u applikazzjonijiet tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku.***

Emenda 41

Proposta għal regolament

Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(53) Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni fl-azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta tkun konformi mar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa. Minbarra dan, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tiżgura l-applikazzjoni konsistenti ta' dawk ir-regoli abbażi ta' miżuri rilevanti adottati mill-Kummissjoni. Biex jiġi żgurat kofinanzjament xieraq tal-azzjonijiet indiretti mill-Istati Parteċipanti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa, jenħtieġ li l-Istati Parteċipanti jikkontribwixxu ammont tal-anqas ugwali għar-rimborż ipprovdut mill-Impriża Konġunta għall-kostijiet eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji fl-azzjonijiet. Għal dan il-għan, jenħtieġ li r-rati massimi ta' finanzjament stabbiliti fil-pjan ta' ħidma annwali tal-Impriża Konġunta f'konformità mal-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa jiġu stabbiliti skont dan.	(53) Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni fl-azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta tkun konformi mar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa. Minbarra dan, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tiżgura l-applikazzjoni konsistenti ta' dawk ir-regoli abbażi ta' miżuri rilevanti adottati mill-Kummissjoni. Biex jiġi żgurat kofinanzjament xieraq tal-azzjonijiet indiretti mill-Istati Parteċipanti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa, jenħtieġ li l-Istati Parteċipanti jikkontribwixxu ammont tal-anqas ugwali għar-rimborż ipprovdut mill-Impriża Konġunta għall-kostijiet eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji fl-azzjonijiet. Għal dan il-għan, jenħtieġ li r-rati massimi ta' finanzjament stabbiliti fil-pjan ta' ħidma annwali tal-Impriża Konġunta f'konformità mal-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa jiġu stabbiliti skont dan ***mill-Bord tat-Tmexxija***.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 42

Proposta għal regolament

Premessa 53a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(53a) Sabiex jiġi żgurat il-bilanċ it-tajjeb tal-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fl-azzjonijiet iffinanzjati mill-Impriża Konġunta, huwa meħtieġ li tiġi permessa differenzazzjoni tar-rati ta' rimborż, b'mod partikolari għall-SMEs, in-negozji l-ġodda u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ. L-applikazzjoni ta' rati differenzjati jenħtieġ li ma żżidx il-kumplessità amministrattiva tal-proġetti u jenħtieġ li ssir bl-aktar mod sempliċi u effettiv. Ir-rati ta' rimborż jenħtieġ li ikunu indikati fil-programm ta' ħidma.

Emenda 43

Proposta għal regolament

Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) Jenħtieġ li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-membri l-oħra tal-Impriża Konġunta jkunu protetti b'miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu tan-nefqa kollu, inklużi l-prevenzjoni, l-iskoperta u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati b'mod żbaljat u, meta xieraq, l-applikazzjoni ta' penali amministrattivi u finanzjarji f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.	(56) Jenħtieġ li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-membri l-oħra tal-Impriża Konġunta jkunu protetti b'miżuri proporzjonati ***u sempliċi*** matul iċ-ċiklu tan-nefqa kollu, inklużi l-prevenzjoni, l-iskoperta u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati b'mod żbaljat u, meta xieraq, l-applikazzjoni ta' penali amministrattivi u finanzjarji f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Emenda 44

Proposta għal regolament

Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta topera b'mod miftuħ u trasparenti u tipprovdi kull informazzjoni rilevanti fil-ħin u tippromwovi l-attivitajiet tagħha, fosthom attivitajiet tal-informazzjoni u tad-disseminazzjoni, lill-pubbliku ġenerali. Ir-regoli tal-proċedura tal-korpi tal-Impriża Konġunta jenħtieġ ***ikunu*** disponibbli għall-pubbliku.	(57) Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta topera b'mod ***sempliċi, flessibbli,*** miftuħ u trasparenti u tipprovdi kull informazzjoni rilevanti fil-ħin u tippromwovi l-attivitajiet tagħha, fosthom attivitajiet tal-informazzjoni u tad-disseminazzjoni, lill-pubbliku ġenerali. Ir-regoli tal-proċedura tal-korpi tal-Impriża Konġunta jenħtieġ ***li jkunu*** disponibbli għall-pubbliku.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 45

Proposta għal regolament

Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Għall-finijiet ta' simplifikazzjoni, jenħtieġ li l-piż amministrattiv jitnaqqas għall-partijiet kollha. Jenħtieġ ***ikunu*** evitati awditi doppji u ammonti sproporzjonati ta' dokumentazzjoni u ta' rappurtar.	(58) Għall-finijiet ta' simplifikazzjoni, jenħtieġ li l-piż amministrattiv jitnaqqas għall-partijiet kollha***, b'mod partikolari għall-Impriża Konġunta u għall-benefiċjarji tagħha.*** Jenħtieġ ***li jkunu*** evitati awditi doppji u ammonti sproporzjonati ta' dokumentazzjoni u ta' rappurtar. ***Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tipprovdi qafas favorevoli biex jiġu appoġġati l-Istati Parteċipanti. Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-azzjonijiet indiretti, jenħtieġ li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-Impriża Konġunta, bil-mudell tripartitiku tagħha, fir-rigward tal-ġestjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Parteċipanti.***

Emenda 46

Proposta għal regolament

Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) L-awditur intern tal-Kummissjoni jenħtieġ jeżerċita l-istess setgħat fuq l-Impriża Konġunta bħal dawk eżerċitati fir-rigward tal-Kummissjoni.	(61) L-awditur intern tal-Kummissjoni jenħtieġ ***li*** jeżerċita l-istess setgħat fuq l-Impriża Konġunta bħal dawk eżerċitati fir-rigward tal-Kummissjoni***, filwaqt li jevita li jżid il-piż amministrattiv fuq l-Impriża Konġunta jewfuq il-benefiċjarji tagħha***.

Emenda 47

Proposta għal regolament

Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, l-Impriża Konġunta, il-Qorti tal-Awdituri, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) ikollhom aċċess għal kull informazzjoni meħtieġa u għall-binjiet biex iwettqu awditi u investigazzjonijiet fuq l-għotjiet, fuq il-kuntratti u fuq il-ftehimiet iffirmati mill-Impriża Konġunta.	(62) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, l-Impriża Konġunta, il-Qorti tal-Awdituri, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) ikollhom aċċess għal kull informazzjoni meħtieġa u għall-binjiet biex iwettqu awditi u investigazzjonijiet fuq l-għotjiet, fuq il-kuntratti u fuq il-ftehimiet iffirmati mill-Impriża Konġunta***, filwaqt li jfittxu simplifikazzjoni amministrattiva massima għall-benefiċjarji u nuqqas fil-piż amministrattiv tagħhom***.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "ħin tal-aċċess" tfisser il-ħin tal-computing ta' ***superkompjuter*** li jkun magħmul disponibbli għal utent jew għal grupp ta' utenti biex jeżegwixxu l-programmi tal-kompjuter tagħhom;	(2) "ħin tal-aċċess" tfisser il-ħin tal-computing ta' ***supercomputer*** li jkun magħmul disponibbli ***permezz ta' proċess trasparenti u miftuħ*** għal utent jew għal grupp ta' utenti biex jeżegwixxu l-programmi tal-kompjuter tagħhom;

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "Ċentru ta' Eċċellenza" fl-HPC tfisser inizjattiva ***li tippromwovi*** l-użu ta' kapaċitajiet futuri tal-computing ta' prestazzjoni estrema li jippermettu lill-komunitajiet tal-utenti f'kollaborazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra tal-HPC jiskalaw il-kodiċijiet paralleli eżistenti lejn skala eksa u prestazzjoni ta' skalar estrema;	(4) "Ċentru ta' Eċċellenza" fl-HPC tfisser inizjattiva ***kollaborattiva magħżula permezz ta' sejħa għal proposti miftuħa, trasparenti u kompetittiva biex jiġi promoss*** l-użu ta' kapaċitajiet futuri tal-computing ta' prestazzjoni estrema li jippermettu lill-komunitajiet tal-utenti f'kollaborazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra tal-HPC jiskalaw il-kodiċijiet paralleli eżistenti lejn skala eksa u prestazzjoni ta' skalar estrema;

Emenda 50

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "kodisinn" hu approċċ kollettiv bejn il-fornituri tat-teknoloġija u l-utenti involuti fi proċess ta' disinn kollaborattiv u iterattiv għall-iżvilupp ta' ***teknoloġija***, ***ta' applikazzjoni*** u ***ta' sistemi*** ġodda;	(5) "kodisinn" hu approċċ kollettiv bejn il-fornituri tat-teknoloġija u l-utenti involuti fi proċess ta' disinn kollaborattiv u iterattiv għall-iżvilupp ta' ***teknoloġiji, applikazzjonijiet, sistemi***, ***servizzi, ħiliet*** u ***kompetenzi*** ġodda;

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 51

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "Ċentru ta' Kompetenza" fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (HPC) tfisser entità ġuridika stabbilita fi Stat Parteċipanti li tipprovdi lill-utenti mill-industrija, ***inkluż*** l-SMEs, l-akkademiċi, u l-amministrazzjonijiet pubbliċi b'aċċess, fuq talba, ***għas-superkompjuters*** u għall-aħħar teknoloġiji, għodod, applikazzjonijiet u servizzi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, u li toffri għarfien espert, ħiliet, taħriġ, networking u sensibilizzazzjoni;	(6) "Ċentru ta' Kompetenza ***tal-Unjoni"*** fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (HPC) tfisser entità ġuridika ***tal-Unjoni magħżula permezz ta' proċess miftuħ u trasparenti u*** stabbilita fi Stat Parteċipanti li tipprovdi lill-utenti mill-industrija, ***b'mod partikolari*** l-SMEs ***u n-negozji l-ġodda***, l-akkademiċi, u l-amministrazzjonijiet pubbliċi b'aċċess, fuq talba, ***għas-supercomputers*** u għall-aħħar teknoloġiji, għodod, applikazzjonijiet u servizzi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, u li toffri għarfien espert, ħiliet, taħriġ, networking u sensibilizzazzjoni;

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) ***"superkompjuter*** ta' grad industrijali" tfisser ***superkompjuter iddisinjat*** speċifikament b'rekwiżiti ta' sigurtà, ta' kunfidenzjalità u ta' integrità tad-data għall-utenti industrijali li jkunu aktar eżiġenti minn dawk għal użu xjentifiku;	(16) ***"supercomputer*** ta' grad industrijali" tfisser ***mill-inqas supercomputer ta' livell medju ddisinjat*** speċifikament b'rekwiżiti ta' sigurtà, ta' kunfidenzjalità u ta' integrità tad-data għall-utenti industrijali li jkunu aktar eżiġenti minn dawk għal użu xjentifiku;

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a)" programm strateġiku pluriennali" tfisser dokument li jistabbilixxi strateġija u pjanijiet għall-kisba tal-objettivi tal-Impriża Konġunta;

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) "ċentru nazzjonali ta' kompetenza tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja" tfisser entità ġuridika ***stabbilita*** fi Stat Parteċipanti li jkun Stat Membru, ***assoċjata*** maċ-ċentru nazzjonali tas-supercomputing ta' dak l-Istat Membru, li ***tipprovdi*** lill-utenti mill-industrija, ***inklużi*** l-SMEs, l-akkademiċi, u l-amministrazzjonijiet pubbliċi ***b'aċċess***, fuq talba, għas-superkompjuters u għall-aħħar teknoloġiji, għodod, applikazzjonijiet u servizzi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, u li ***toffri*** għarfien espert, ħiliet, taħriġ, networking u sensibilizzazzjoni;	(20) "ċentru nazzjonali ta' kompetenza tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja" tfisser entità ġuridika ***jew konsorzju ta' entitajiet ġuridiċi, magħżulin permezz ta' proċess miftuħ u trasparenti u stabbiliti*** fi Stat Parteċipanti li jkun Stat Membru, ***assoċjati*** maċ-ċentru nazzjonali tas-supercomputing ta' dak l-Istat Membru, li ***jipprovdu*** lill-utenti mill-industrija, ***b'mod partikolari*** l-SMEs ***u n-negozji l-ġodda***, l-akkademiċi, u l-amministrazzjonijiet pubbliċi ***aċċess***, fuq talba, ***għas-supercomputers*** u għall-aħħar teknoloġiji, għodod, applikazzjonijiet u servizzi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, u li ***joffru*** għarfien espert, ħiliet, taħriġ, networking u sensibilizzazzjoni;

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-missjoni tal-Impriża Konġunta għandha tkun li tiżviluppa, timplimenta, testendi u żżomm fl-Unjoni ekosistema tal-infrastruttura federata, sigura iperkonnessa u ta' klassi dinjija tas-supercomputing, tal-computing kwantistiku, tas-servizzi u tad-data; tappoġġa ***l-produzzjoni*** ta' sistemi innovattivi u kompetittivi tas-supercomputing ***bbażati*** fuq katina tal-provvista li tiżgura ***li*** l-komponenti, it-teknoloġiji u l-għarfien li jillimitaw ir-riskju ta' interruzzjonijiet u l-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet ottimizzati għal dawn is-sistemi; u, twessa' l-użu ta' din l-infrastruttura tas-supercomputing għal numru kbir ta' utenti pubbliċi u privati, u tappoġġa l-iżvilupp ta' ħiliet ***ewlenin għax-xjenza*** u l-industrija Ewropej.	(1) Il-missjoni tal-Impriża Konġunta għandha tkun li tiżviluppa, timplimenta, testendi u żżomm fl-Unjoni ekosistema tal-infrastruttura federata, sigura iperkonnessa u ta' klassi dinjija tas-supercomputing, tal-computing kwantistiku, tas-servizzi u tad-data***, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-kisba ta' tmexxija xjentifika, diġitali u industrijali tal-Unjoni fid-dinja***; tappoġġa ***l-iżvilupp, it-tnedija u t-tħaddim, preferibbilment fl-Unjoni,*** ta' sistemi innovattivi u kompetittivi tas-supercomputing ***ibbażati*** fuq katina tal-provvista li tiżgura ***l-materja prima kritika u*** l-komponenti, it-teknoloġiji u l-għarfien ***tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku*** li jillimitaw ir-riskju ta' interruzzjonijiet u l-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet ottimizzati għal dawn is-sistemi ***abbażi tal-prinċipji tal-fiduċja, tal-aċċess miftuħ, tas-sigurtà, tal-interoperabbiltà u tal-portabbiltà***; u, twessa' l-użu ta' din l-infrastruttura tas-supercomputing għal numru kbir ta' utenti pubbliċi u privati ***tal-Unjoni, b'attenzjoni partikolari fir-rigward tal-SMEs u n-negozji l-ġodda, inklużi dawk fil-fażi tar-R&Ż***, u tappoġġa l-iżvilupp ta' ħiliet***, kompetenzi u għarfien avvanzati fil-qasam diġitali għas-soċjetà, ix-xjenza*** u l-industrija Ewropej.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu, biex tħalli impatt xjentifiku, ekonomiku, ambjentali, teknoloġiku u soċjetali mill-investimenti tal-Unjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni, b'tali mod li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Unjoni, twettaq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi u jitwettqu l-politiki tal-UE, u tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, ***inkluż*** l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli billi jiġu segwiti l-prinċipji tal-Aġenda 2030 u tal-Ftehim ta' Pariġi;	(a) tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu, biex tħalli impatt xjentifiku, ekonomiku, ambjentali, teknoloġiku u soċjetali mill-investimenti tal-Unjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni, b'tali mod li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Unjoni, twettaq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi u jitwettqu l-politiki tal-UE, ***inklużi dawk relatati mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pjan ta' Rkupru Ewropew, l-istrateġiji Ewropej tad-data, diġitali, tal-SMEs u industrijali, tikseb awtonomija strateġika tal-Ewropa filwaqt li żżomm ekonomija miftuħa, taċċellera t-tranżizzjonijiet soċjali, ekoloġiċi u ekonomiċi*** u tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, ***filwaqt li jiġu indirizzati*** l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli billi jiġu segwiti l-prinċipji tal-Aġenda 2030 u tal-Ftehim ta' Pariġi;

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tiżviluppa ***koperazzjoni*** msaħħa u tiżgura ***l-koordinazzjoni*** ma' Sħubiji Ewropej oħra, inkluż ***bi*** sejħiet konġunti, kif ukoll tfittex li tikseb sinerġiji ma' attivitajiet u ma' programmi rilevanti fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari ma' dawk li jappoġġaw it-tnedija ta' soluzzjonijiet innovattivi, l-edukazzjoni u l-iżvilupp reġjonali***, meta rilevanti***;	(b) tiżviluppa ***kooperazzjoni*** msaħħa u tiżgura ***sinerġiji u koordinazzjoni*** ma' Sħubiji Ewropej oħra, inkluż ***permezz ta'*** sejħiet konġunti, kif ukoll tfittex li tikseb sinerġiji ***sekwenzjali, paralleli jew integrati*** ma' attivitajiet u ma' programmi rilevanti fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali ***u lokali***, b'mod partikolari ma' dawk li jappoġġaw it-tnedija ta' soluzzjonijiet innovattivi, ***pjattaformi tal-immudellar,*** l-edukazzjoni u l-iżvilupp reġjonali;

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tiżviluppa, tniedi, testendi u żżomm fl-Unjoni infrastruttura tas-supercomputing u tad-data ta' klassi dinjija, integrata, orjentata lejn id-domanda u mmexxija mill-utenti;	(c) tiżviluppa, tniedi, testendi u żżomm fl-Unjoni infrastruttura tas-supercomputing u tad-data ta' klassi dinjija, integrata, orjentata lejn id-domanda u mmexxija mill-utenti ***li tgħin biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni***;

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tiffedera l-infrastruttura iperkonnessa tas-supercomputing u tad-data u toħloq interkonnessjoni bejn din u l-ispazji tad-data u l-ekosistema tal-cloud Ewropej għall-provvista ta' servizzi tal-computing u tad-data lil firxa wiesgħa ta' utenti pubbliċi u privati fl-Ewropa;	(d) tiffedera l-infrastruttura iperkonnessa tas-supercomputing u tad-data***, permezz ta' infrastrutturi tan-network ta' kwalità għolja fl-Istati Membri kollha,*** u toħloq interkonnessjoni bejn din u l-ispazji tad-data***, b'mod partikolari mal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-saħħa biex tiżgura d-disponibbiltà ta' settijiet tad-data tas-saħħa kbar u ta' kwalità għolja*** u l-ekosistema tal-cloud Ewropej għall-provvista ta' servizzi tal-computing u tad-data lil firxa wiesgħa ***u ġeografikament differenti*** ta' utenti pubbliċi u privati fl-Ewropa***, abbażi tal-prinċipji ta' fiduċja, ftuħ, sigurtà, interoperabbiltà u portabbiltà***;

Emenda 60

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) tippromwovi l-eċċellenza xjentifika u tappoġġa l-adozzjoni u l-użu sistematiku tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni ġġenerati fi ħdan l-Unjoni;

Emenda 61

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) tkompli tiżviluppa u tappoġġa ekosistema ferm kompetittiva u innovattiva tas-supercomputing u tad-data fl-Ewropa li tikkontribwixxi għall-awtonomija permanenti ***u teknoloġika*** tal-Unjoni ***fl-ekonomija*** diġitali, li tkun kapaċi tipproduċi b'mod awtonomu teknoloġiji u arkitetturi tal-computing u l-integrazzjoni tagħhom f'sistemi ewlenin tal-computing, u applikazzjonijiet avvanzati ottimizzati għal dawn is-sistemi;	(e) tkompli tiżviluppa u tappoġġa ekosistema ferm kompetittiva***, soċjali, sostenibbli, effiċjenti fl-użu tal-enerġija*** u innovattiva tas-supercomputing u tad-data fl-Ewropa li tikkontribwixxi ***għat-tmexxija xjentifika u teknoloġika u*** għall-awtonomija permanenti u ***strateġika*** tal-Unjoni ***fit-tranżizzjoni*** diġitali, ***filwaqt li titnaqqas id-dipendenza fuq it-teknoloġija barranija partikolarment f'komponenti kritiċi tal-infrastruttura filwaqt li tiġi preservata ekonomija miftuħa u tinżamm tmexxija globali fl-applikazzjonijiet tal-HPC,*** li tkun kapaċi tipproduċi b'mod awtonomu ***u tippossjedi*** teknoloġiji u arkitetturi tal-computing ***ta' klassi dinjija*** u l-integrazzjoni tagħhom f'sistemi ewlenin tal-computing, u applikazzjonijiet avvanzati ottimizzati għal dawn is-sistemi;

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 62

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) twessa' l-użu tas-servizzi tas-supercomputing u ***l-iżvilupp*** ta' ħiliet ***ewlenin*** li jeħtieġu x-xjenza u l-industrija Ewropej.	(f) ***tippromwovi, tiffaċilita u*** twessa' l-użu tas-servizzi tas-supercomputing ***fis-setturi kollha*** u ***tikkontribwixxi għall-iżvilupp*** ta' ħiliet***, kompetenzi u għarfien diġitali avvanzati*** li jeħtieġu x-xjenza***, is-soċjetà, l-ekonomija, l-ambjent*** u l-industrija Ewropej ***biex jiksbu tmexxija awtonoma u globali, b'enfasi fuq it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet fis-suġġetti STEM permezz tal-involviment u tal-impjiegi tagħhom fl-oqsma relatati u fuq it-tnaqqis tad-differenza bejn il-ġeneri fis-settur diġitali***.

Emenda 63

Proposta għal regolament

L-Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Impriża Konġunta għandha tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-interessi tal-Unjoni meta takkwista superkompjuters u tappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji, ta' sistemi u ta' applikazzjonijiet tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja. Għandha tippermetti approċċ ta' kodisinn ***għall-akkwist*** ta' ***superkompjuters*** ta' klassi dinjija, filwaqt li tissalvagwardja s-sigurtà tal-katina tal-provvista tat-teknoloġiji u tas-sistemi akkwistati. Għandha tikkontribwixxi għall-awtonomija ***teknoloġika*** tal-Unjoni billi tappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji u ta' applikazzjonijiet li jsaħħu l-katina tal-provvista Ewropea tat-teknoloġija tal-HPC u tippromwovi l-integrazzjoni tagħhom f'sistemi ta' supercomputing li jindirizzaw numru kbir ta' ħtiġijiet soċjetali u industrijali.	(3) L-Impriża Konġunta għandha tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-interessi tal-Unjoni meta takkwista supercomputers u tappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji, ta' sistemi u ta' applikazzjonijiet tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja ***ta' klassi dinjija***. Għandha tippermetti approċċ ta' kodisinn ***għall-akkwiżizzjoni*** ta' ***supercomputers*** ta' klassi dinjija, filwaqt li tissalvagwardja s-sigurtà tal-katina tal-provvista tat-teknoloġiji u tas-sistemi akkwistati ***u tiżgura l-ogħla standards ta' ċibersigurtà applikabbli għas-supercomputers***. Għandha tikkontribwixxi għall-awtonomija ***strateġika*** tal-Unjoni***, filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa, partikolarment f'żoni kritiċi, iżżid il-kompetittività tal-industrija Ewropea,*** billi tappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji u ta' applikazzjonijiet li jsaħħu l-katina tal-provvista Ewropea tat-teknoloġija ***effiċjenti fl-użu tal-enerġija*** tal-HPC u tippromwovi l-integrazzjoni tagħhom f'sistemi ta' supercomputing li jindirizzaw numru kbir ta' ħtiġijiet soċjetali u industrijali. ***Għandha tappoġġa t-tmexxija globali tal-Ewropa f'diversi industriji, speċjalment fi prodotti u servizzi ta' valur miżjud għoli u intensivi fit-teknoloġija biex jiġu pprovduti komponenti kritiċi, teknoloġija, u ħiliet li għandhom l-għan li jagħlqu d-distakk teknoloġiku ma' pajjiżi terzi.***

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-Impriża Konġunta għandha timplimenta l-missjoni u l-objettivi tagħha b'mod ċar, sempliċi u flessibbli sabiex iżżid l-attraenza lejn l-industrija, l-SMEs u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Emenda 65

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) L-impriża Konġunta għandha timminimizza kwalunkwe riskju involut fit-trattament, il-ħżin u l-ipproċessar ta' data personali fl-infrastrutturi tas-supercomputing u għandha tikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679 u leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni. Hija għandha tiżgura wkoll li l-Computers ta' Prestazzjoni Għolja jkunu aċċessibbli esklussivament għal entitajiet li jikkonformaw mal-istess regoli u li r-riżorsi tagħha jkunu miftuħa għal xjentisti mill-Istati Parteċipanti kollha.

Emenda 66

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Il-pilastru tal-infrastruttura, li jinkludi l-attivitajiet għall-akkwist, għat-tnedija, u għall-operat ta' infrastruttura sigura, iperkonnessa u ta' klassi dinjija tas-supercomputing, tal-computing kwantistiku u tad-data, ***inkluża*** l-promozzjoni tal-adozzjoni u tal-użu sistematiku tar-riżultati tar-riċerka u tal-innovazzjoni ġġenerati ***fl-Unjoni***.	(b) Il-pilastru tal-infrastruttura, li jinkludi l-attivitajiet għall-akkwist, ***għat-titjib,*** għat-tnedija, u għall-operat ta' infrastruttura sigura, iperkonnessa u ta' klassi dinjija tas-supercomputing, tal-computing kwantistiku u tad-data ***Ewropea***, ***inklużi t-titjib ta' infrastruttura eżistenti u*** l-promozzjoni tal-adozzjoni u tal-użu sistematiku ***fl-Unjoni*** tar-riżultati tar-riċerka u tal-innovazzjoni ġġenerati ***mill-Impriża Konġunta***.

Emenda 67

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Il-pilastru tal-federazzjoni tas-servizzi tas-supercomputing, li jkopri l-attivitajiet kollha għall-provvista tal-aċċess madwar l-UE għar-riżorsi u għas-servizzi federati u siguri tas-supercomputing u tad-data madwar l-Ewropa kollha għall-komunità tar-riċerka u xjentifika, għall-industrija (***inkluż*** l-SMEs) u għas-settur pubbliku. B'mod partikolari, dan jinkludi:	(c) Il-pilastru tal-federazzjoni tas-servizzi tas-supercomputing, li jkopri l-attivitajiet kollha għall-provvista tal-aċċess madwar l-UE għar-riżorsi u għas-servizzi federati u siguri tas-supercomputing u tad-data madwar l-Ewropa kollha għall-komunità tar-riċerka u xjentifika, għall-industrija (***b'mod partikolari*** l-SMEs) u għas-settur pubbliku***, f'kooperazzjoni ma' PRACE u GÉANT fost oħrajn***. B'mod partikolari, dan jinkludi:

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 68

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-appoġġ għall-interkonnessjoni tar-riżorsi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, tal-computing kwantistiku u tad-data li huma proprjetà sħiħa jew parzjali tal-Impriża Konġunta EuroHPC jew magħmula disponibbli fuq bażi volontarja mill-Istati Parteċipanti;	(i) l-appoġġ għall-interkonnessjoni tar-riżorsi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, tal-computing kwantistiku u tad-data li huma proprjetà sħiħa jew parzjali tal-Impriża Konġunta EuroHPC jew magħmula disponibbli fuq bażi volontarja mill-Istati Parteċipanti ***jew Osservaturi***;

Emenda 69

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-appoġġ għall-interkonnessjoni tal-infrastrutturi tad-data tas-supercomputing, u tal-computing kwantistiku mal-ispazji komuni Ewropej tad-data u mal-infrastrutturi federati u siguri tal-cloud tal-Unjoni;	(ii) l-appoġġ għall-interkonnessjoni ***u l-interoperabbiltà*** tal-infrastrutturi tad-data tas-supercomputing, u tal-computing kwantistiku mal-ispazji komuni Ewropej tad-data u mal-infrastrutturi federati u siguri tal-cloud ***u tad-data*** tal-Unjoni***, filwaqt li jiġu inklużi rekwiżiti speċifiċi għaċ-ċibersigurtà, id-data miftuħa, il-portabbiltà tad-data u fejn possibbli, l-użu ta' software u hardware b'sors miftuħ, mingħajr ma tiġi pperikolata l-protezzjoni u l-privatezza tad-data***;

Emenda 70

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-appoġġ għall-iżvilupp, l-akkwist u l-operat ta' pjattaforma għall-federazzjoni mingħajr xkiel u għall-provvista sigura ta' servizzi tal-infrastruttura tas-servizzi u tad-data tas-supercomputing u tal-computing kwantistiku, għall-istabbiliment ta' punt uniku ta' aċċess għal kull servizz tas-supercomputing jew tad-data ġestit mill-Impriża Konġunta, b'tali mod li jiġi pprovdut punt uniku ta' dħul lil kull utent.	(iii) l-appoġġ għall-iżvilupp, l-akkwist u l-operat ta' pjattaforma għall-federazzjoni mingħajr xkiel u għall-provvista sigura ta' servizzi tal-infrastruttura tas-servizzi u tad-data tas-supercomputing u tal-computing kwantistiku, għall-istabbiliment ta' punt uniku ta' aċċess għal kull servizz tas-supercomputing jew tad-data ġestit mill-Impriża Konġunta, b'tali mod li jiġi pprovdut punt uniku ta' dħul lil kull utent ***u għall-istabbiliment ta' programm effettiv għall-ġestjoni tal-vulnerabbiltà u riżorsa għall-kondiviżjoni tad-data li tippermetti lill-utenti tar-riżorsi tal-computing ta' prestazzjoni għolja jittrasferixxu, jikkondividu u jiddiskutu d-data tagħhom*** .

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 71

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Il-pilastru tat-teknoloġija, li jindirizza ***l-attivitajiet għall-appoġġ ta' aġenda ambizzjuża*** tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-iżvilupp ta' ekosistema tas-supercomputing ta' klassi dinjija, kompetittiva u innovattiva li tindirizza t-teknoloġiji tal-hardware u tas-software, u l-integrazzjoni tagħhom f'sistemi tal-computing, filwaqt li jkopri l-katina tal-valur xjentifika u industrijali sħiħa, biex tiġi żgurata l-awtonomija ***teknoloġika*** tal-Unjoni. ***L-enfasi*** għandha ***tkun*** fuq it-teknoloġiji tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja li jkunu effiċjenti fl-użu tal-enerġija. L-attivitajiet għandhom jindirizzaw fost l-oħrajn:	(d) Il-pilastru tat-teknoloġija, li jindirizza ***attivitajiet ambizzjużi*** tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-iżvilupp ta' ekosistema tas-supercomputing ta' klassi dinjija, kompetittiva***, affidabbli, sostenibbli*** u innovattiva ***madwar l-Unjoni*** li tindirizza t-teknoloġiji tal-hardware u tas-software, u l-integrazzjoni tagħhom f'sistemi tal-computing, filwaqt li jkopri l-katina tal-valur xjentifika u industrijali sħiħa, ***mir-riċerka sal-prototipi, il-pilotaġġ u d-dimostrazzjoni*** biex tiġi żgurata l-awtonomija ***strateġika filwaqt li tiġi żgurata l-ekonomija miftuħa tal-Unjoni u jissaħħu l-kapaċitajiet ta' riċerka*** tal-Unjoni. ***Is-supercomputing affidabbli jirrikjedi l-ħolqien ta' standards ta' sikurezza, legali, etiċi, ta' sigurtà u interoperabbiltà bil-għan li jiġu evitati l-preġudizzji. L-implimentazzjoni tal-pilastru*** għandha ***tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-setturi industrijali Ewropej rilevanti sabiex dawn ikunu jistgħu jkopru l-katina tal-produzzjoni sħiħa (id-disinn, il-manifattura, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni), iqisu kif xieraq il-konsum tal-enerġija u jiffukaw*** fuq it-teknoloġiji tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja li jkunu ***l-aktar*** effiċjenti fl-użu tal-enerġija***, b'enfażi partikolari fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq sorsi rinnovabbli***. L-attivitajiet għandhom jindirizzaw fost l-oħrajn:

Emenda 72

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i) komponenti ta' mikroproċessar b'konsum baxx tal-enerġija, u teknoloġiji relatati bħal algoritmi, kodiċijiet tas-software, għodod u ambjenti ġodda;	(i) komponenti ta' mikroproċessar b'konsum baxx tal-enerġija, ***nanoelettronika li hija effiċjenti mil-lat ta' enerġija u li ttejjeb l-enerġija,*** u teknoloġiji relatati bħal algoritmi, kodiċijiet tas-software, għodod***, soluzzjonijiet għall-midware, soluzzjonijiet għall-ipprogrammar parallel u għall-ottimizzazzjoni tar-riżorsi tal-computing*** u ambjenti ġodda;

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii) it-teknoloġiji u ***s-sistemi*** għall-interkonnessjoni u għall-operat ta' sistemi klassiċi tas-supercomputing ma' teknoloġiji oħra, spiss komplimentari, tal-computing, bħall-computing newromorfiku jew ***kwantistiku*** u l-iżgurar tal-operat ***effettiv*** tagħhom.	(iii) it-teknoloġiji***, is-sistemi*** u ***l-algoritmi*** għall-interkonnessjoni u għall-operat ta' sistemi klassiċi tas-supercomputing ma' teknoloġiji oħra, spiss komplimentari, tal-computing, bħall-computing newromorfiku***, kwantistiku*** jew ***teknoloġiji emerġenti oħra*** u l-iżgurar tal-operat ***sigur u affidabbli*** tagħhom.

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – punt iii a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iii a) attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni għall-iżvilupp kostanti tal-kapaċità tas-sistemi ta' hardware tas-supercomputing, l-iżvilupp teknoloġiku ta' sistemi tal-hardware tas-supercomputing b'qawwa baxxa u l-iżvilupp ta' teknoloġija taċ-ċipep tal-ġenerazzjoni li jmiss.

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) Il-pilastru tal-applikazzjoni, li jindirizza l-attivitajiet għall-kisba u ż-żamma tal-eċċellenza ***Ewropea*** fl-applikazzjonijiet ewlenin tal-computing u tad-data u l-kodiċijiet għax-xjenza, għall-industrija (***inkluż*** l-SMEs) u għas-settur pubbliku, inkluż;	(e) Il-pilastru tal-applikazzjoni, li jindirizza l-attivitajiet għall-kisba u ż-żamma tal-eċċellenza ***u tat-tmexxija Ewropej*** fl-applikazzjonijiet ewlenin tal-computing u tad-data u l-kodiċijiet għax-xjenza, għall-industrija (***b'mod partikolari*** l-SMEs ***u n-negozji l-ġodda***) u għas-settur pubbliku***, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lid-diversità ġeografika u l-bilanċ bejn il-ġeneri***, inkluż;

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 76

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i) l-applikazzjonijiet għall-utenti pubbliċi u privati li jisfruttaw il-kapaċitajiet ta' ***superkompjuters*** ta' livell għoli u l-konvergenza tagħhom ma' teknoloġiji diġitali avvanzati bħall-intelliġenza artifiċjali, l-analitika tad-data ta' prestazzjoni għolja, teknoloġiji tal-cloud, eċċ. ***bl-kodisinn***, ***bl-iżvilupp*** u ***bl-ottimizzazzjoni*** ta' kodiċijiet u ***ta'*** applikazzjonijiet emerġenti fuq skala kbira u tas-suq ewlieni mħaddma bis-saħħa tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja;	(i) l-applikazzjonijiet***, l-algoritmi u l-iżvilupp tas-software*** għall-utenti pubbliċi u privati li jisfruttaw il-kapaċitajiet ta' ***supercomputers*** ta' livell għoli u l-konverġenza tagħhom ma' teknoloġiji diġitali avvanzati bħall-intelliġenza artifiċjali, ***l-immudellar u s-simulazzjoni bil-kompjuters, applikazzjonijiet li jtejbu l-privatezza,*** l-analitika tad-data ta' prestazzjoni għolja, teknoloġiji tal-cloud, ***computing kwantistiku,*** eċċ. ***permezz tal-kodisinn***, ***l-iżvilupp*** u ***l-ottimizzazzjoni*** ta' kodiċijiet u applikazzjonijiet emerġenti fuq skala kbira u tas-suq ewlieni mħaddma bis-saħħa tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja***, li potenzjalment jibbenefikaw minn mudelli ta' kooperazzjoni miftuħa bħas-sors miftuħ***;

Emenda 77

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii) l-appoġġ, fost l-oħrajn, liċ-Ċentri ta' Eċċellenza fl-applikazzjonijiet tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u lid-dimostranti pilota u lill-bankijiet tat-test fuq skala kbira mħaddma bil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja għall-applikazzjonijiet u għas-servizzi tal-Big Data f'firxa wiesgħa ta' setturi xjentifiċi u industrijali.	(ii) l-appoġġ, fost l-oħrajn, liċ-Ċentri ta' Eċċellenza fl-applikazzjonijiet tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u lid-dimostranti pilota u lill-bankijiet tat-test fuq skala kbira mħaddma bil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja għall-applikazzjonijiet u għas-servizzi tal-Big Data f'firxa wiesgħa ta' setturi xjentifiċi***, ambjentali*** u industrijali***, bl-esklużjoni tad-data personali u tal-attivitajiet li jwasslu għad-dianonimizzazzjoni tad-data personali***.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 78

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***It-twessigħ tal-pilastru*** tal-użu u tal-ħiliet, ***bil-għan*** li ***titrawwem*** l-eċċellenza fis-supercomputing, fil-computing kwantistiku, u fl-użu tad-data u tal-ħiliet filwaqt li jitqiesu s-sinerġiji ma' programmi u ma' strumenti oħra, b'mod partikolari l-Programm Ewropa Diġitali, b'tali mod li jitwessa' l-użu xjentifiku u industrijali tar-riżorsi tas-supercomputing u tal-applikazzjonijiet tad-data u jitrawmu l-aċċess u l-użu industrijali ta' infrastrutturi tas-supercomputing u tad-data għall-innovazzjoni adattati għall-ħtiġijiet industrijali; u l-provvista lill-Ewropa b'komunità xjentifika ewlenija esperta u b'forza tax-xogħol bi kwalifiki għoljin għat-tmexxija xjentifika u għat-trasformazzjoni diġitali tal-industrija, inkluż l-appoġġ u n-networking ta' Ċentri nazzjonali ta' Kompetenza tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u ta' Ċentri ta' Eċċellenza tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja	(f) ***Il-pilastru tat-twessigħ*** tal-użu u tal-ħiliet, ***li għandu l-għan*** li ***jrawwem*** l-eċċellenza ***u jiżviluppa l-ħiliet, il-kapaċitajiet u l-kompetenzi*** fis-supercomputing, fil-computing kwantistiku, u fl-użu tad-data u tal-ħiliet***, fosthom ħiliet għall-akkwisti li jsiru fil-qafas ta' dan ir-Regolament,*** filwaqt li jitqiesu s-sinerġiji ma' programmi u ma' strumenti oħra, b'mod partikolari l-Programm Ewropa Diġitali, b'tali mod li jitwessa' l-użu xjentifiku u industrijali***, b'mod partikolari mill-SMEs u n-negozji l-ġodda,*** tar-riżorsi tas-supercomputing u tal-applikazzjonijiet tad-data u jitrawmu l-aċċess u l-użu industrijali ta' infrastrutturi tas-supercomputing u tad-data għall-innovazzjoni adattati għall-ħtiġijiet industrijali; u l-provvista lill-Ewropa b'komunità xjentifika ewlenija esperta u b'forza tax-xogħol bi kwalifiki għoljin għat-tmexxija xjentifika u għat-trasformazzjoni diġitali tal-industrija, inkluż l-appoġġ u n-networking ta' Ċentri nazzjonali ta' Kompetenza tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u ta' Ċentri ta' Eċċellenza tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja***; l-attivitajiet kollha f'dan il-pilastru għandhom iqisu d-diversità tas-sessi u l-ħtieġa li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa, anke permezz tal-ħolqien ta' programmi speċifiċi biex jitnaqqsu l-ostakli addizzjonali li huma jiffaċċjaw, filwaqt li jiġi żgurat li l-għarfien u l-għarfien espert dwar l-applikazzjoni jkollhom l-aktar kopertura ġeografika wiesgħa. Azzjonijiet speċifiċi rigward l-attivitajiet ta' hawn fuq jistgħu jinkludu:***

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f – punt i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(i) id-definizzjoni ta' sett ta' perkorsi tal-karriera, ta' kollokamenti f'impjiegi li jinvolvu l-użu tal-HPC f'ambjent reali, u ta' hackathons u settijiet ta' ħiliet tal-HPC meħtieġa biex jiġi ingranat l-EuroHPC għall-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa, billi jiġu pprovduti problemi rilevanti ta' riċerka u applikazzjoni mmexxija mill-missjoni, u jiġu ffinanzjati internships u borż ta' studju, bħal programmi tal-Master fl-HPC u fix-xjenza komputazzjonali u sħubijiet mal-industrija u mal-akkademiċi.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f – punt ii (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ii) il-ħidma mal-akkademiċi u mal-mexxejja fis-settur tan-negozji biex jiġu deskritti u żviluppati kurrikuli li se jipproduċu esperti ġodda fis-supercomputing u fil-computing kwantistiku bis-settijiet ta' ħiliet u bl-għarfien dwar l-inġinerija meħtieġa.

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f – punt iii (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iii) il-ħidma ma' dawk li jinsabu fuq quddiem fil-komunitajiet tal-computing u tal-edukazzjoni biex jiġu adattati u ttestjati metodi ġodda u aktar flessibbli ta' żvilupp fl-edukazzjoni u fil-forza tax-xogħol li jippermettu avvanz rapidu fl-għarfien u tranżizzjonijiet fil-karriera għal pożizzjonijiet relatati mal-HPC.

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f – punt iv (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iv) taħriġ speċifiku għall-industrija, inkluż it-taħriġ prattiku u s-soluzzjoni ta' każijiet ta' użu reali, kif ukoll korsijiet apposta għall-SMEs u offerti ta' appoġġ bħal programmi ta' skambju tal-persunal mal-oqsma tar-riċerka u tal-akkademja.

Emenda 83

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Meta tkun qed timplimenta l-attivitajiet elenkati fil-paragrafi 1 u 2, l-Impriża Konġunta għandha tagħti attenzjoni kostanti lid-diversità ġeografika u tal-ġeneru, kif ukoll lill-involviment ta' parteċipanti ġodda fis-suq bħal negozji ġodda u SMEs. Barra minn hekk, il-pilastri kollha għandhom iqisu debitament il-komplementarjetajiet ma' inizjattivi oħra tas-supercomputing fil-livell tal-Unjoni, bħal PRACE u GÉANT.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 84

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-Impriża Konġunta, inkluż l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, għandhom ikunu sa EUR ***[XXX]***, inkluż sa ***EUR [XXX]*** għall-kostijiet amministrattivi, imqassmin kif ġej:	(1) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-Impriża Konġunta, inkluż l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, għandhom ikunu sa EUR ***[XXXXX]***, inkluż sa ***5 %*** għall-kostijiet amministrattivi ***u l-assistenza teknika***, imqassmin kif ġej:

Emenda 85

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fondi addizzjonali tal-Unjoni li jikkumplimentaw il-kontribuzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu allokati lill-Impriża Konġunta biex jappoġġaw attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni u għat-tnedija ta' soluzzjonijiet innovattivi.	(3) Fondi addizzjonali tal-Unjoni li jikkumplimentaw il-kontribuzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu allokati lill-Impriża Konġunta biex jappoġġaw attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni u għat-tnedija ta' soluzzjonijiet innovattivi ***fl-Unjoni***.

Emenda 86

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandha tintuża għall-Impriża Konġunta sabiex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet indiretti kif definit fl-Artikolu XXX tar-Regolament Orizzont Ewropa, ***li jikkorrispondu għall-aġenda*** dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni.	(6) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandha tintuża għall-Impriża Konġunta sabiex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet indiretti kif definit fl-Artikolu XXX tar-Regolament Orizzont Ewropa ***permezz ta' proċeduri miftuħa***, ***kompetittivi u trasparenti, skont il-prijoritajiet identifikati fl-aġenda*** dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 87

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandha tintuża għall-bini tal-kapaċitajiet fl-Unjoni kollha, inkluż l-akkwist u l-operat ta' Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja, ta' kompjuters kwantistiċi jew ta' simulaturi kwantistiċi, għall-federazzjoni tal-infrastruttura tas-servizzi u tad-data tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku u għat-twessigħ tal-użu tagħha, u għall-iżvilupp ta' ħiliet avvanzati u ta' taħriġ.	(7) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandha tintuża għall-bini tal-kapaċitajiet fl-Unjoni kollha, inkluż l-akkwist***, it-titjib tas-supercomputers biss li huma proprjetà tal-Impriża Konġunta*** u l-operat ta' Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja, ta' kompjuters kwantistiċi jew ta' simulaturi kwantistiċi, għall-federazzjoni tal-infrastruttura tas-servizzi u tad-data tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku u għat-twessigħ tal-użu tagħha, u għall-iżvilupp ta' ħiliet avvanzati u ta' taħriġ ***aċċessibbli wkoll għal ċittadini li jgħixu f'żoni ġeografikament iżolati u żvantaġġati, filwaqt li titqies il-ħtieġa li tittejjeb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***.

Emenda 88

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandha titħallas mill-approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokati għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u għandha tintuża għall-interkonnessjoni tar-riżorsi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tad-data u għall-ħolqien ta' infrastruttura integrata, pan-Ewropa u iperkonnessa tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tad-data.	(8) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandha titħallas mill-approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokati għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u għandha tintuża għall-interkonnessjoni tar-riżorsi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tad-data ***stabbiliti fit-territorju Ewropew*** u għall-ħolqien ta' infrastruttura integrata, pan-Ewropa u iperkonnessa tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tad-data.

Emenda 89

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kontribuzzjonijiet minn programmi tal-Unjoni għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 5(1) li huma parti minn kofinanzjament mill-Unjoni għal programm implimentat minn wieħed mill-Istati Parteċipanti ma għandhomx jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5.	Kontribuzzjonijiet minn programmi tal-Unjoni għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 5(1) li huma parti minn kofinanzjament mill-Unjoni għal programm implimentat minn wieħed mill-Istati Parteċipanti ma għandhomx jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5 ***u m'għandhomx ikopru l-istess kostijiet***.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 90

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji fl-ambitu tal-programmi kofinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-FEŻR, il-FSE+, il-FEMS u l-FAEŻR jistgħu jitqiesu bħala kontribuzzjoni tal-Istat Parteċipanti, dment li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) …/… [Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-perjodu 2021-2027] u r-regolamenti speċifiċi għall-fond.

Emenda 91

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Istati Parteċipanti għandhom jagħmlu kontribuzzjoni totali li tal-anqas tkun daqs l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, inkluż sa kontribuzzjoni ta' ***EUR [XXX]*** għall-kostijiet amministrattivi [daqs l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-kostijiet amministrattivi msemmija fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament]. L-Istati Parteċipanti għandhom jirranġaw bejniethom dwar kif se jipprovdu l-kontribuzzjoni kollettiva tagħhom.	(1) L-Istati Parteċipanti għandhom jagħmlu kontribuzzjoni totali li tal-anqas tkun daqs l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, inkluż sa kontribuzzjoni ta' ***5 %*** għall-kostijiet amministrattivi ***u l-assistenza teknika*** [daqs l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-kostijiet amministrattivi ***u l-assistenza teknika*** msemmija fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament]. L-Istati Parteċipanti għandhom jirranġaw bejniethom dwar kif se jipprovdu l-kontribuzzjoni kollettiva tagħhom.

Emenda 92

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Impriża Konġunta għandha tipprovdi qafas favorevoli biex tappoġġa lill-Istati Parteċipanti. Biex jiġi mmassimizzat l-impatt ta' azzjonijiet indiretti, għandhom jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-Impriża Konġunta, bil-mudell tripartitiku tagħha, fir-rigward tal-ġestjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Parteċipanti.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 93

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-Membri Privati tal-Impriża Konġunta għandhom jagħmlu kontribuzzjonijiet jew jagħmlu arranġamenti biex l-entitajiet kostitwenti u l-entitajiet affiljati tagħhom jagħmlu kontribuzzjonijiet ta' mill-inqas EUR ***[XXX]*** għall-Impriża Konġunta, inklużi sa ***EUR [XXX]*** għall-kostijiet amministrattivi [daqs 22,22 % tal-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-kostijiet amministrattivi msemmija fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament].	(2) Il-Membri Privati tal-Impriża Konġunta għandhom jagħmlu kontribuzzjonijiet jew jagħmlu arranġamenti biex l-entitajiet kostitwenti u l-entitajiet affiljati tagħhom jagħmlu kontribuzzjonijiet ta' mill-inqas EUR ***[XXXXX]*** għall-Impriża Konġunta, inklużi sa ***5 %*** għall-kostijiet amministrattivi ***u l-assistenza teknika*** [daqs 22,22 % tal-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-kostijiet amministrattivi ***u l-assistenza teknika*** msemmija fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament].

Emenda 94

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) ***Is-superkompjuters*** tal-EuroHPC għandhom ikunu jinsabu fi Stat Parteċipanti li jkun Stat Membru. Stat Parteċipanti għandu jospita aktar minn ***superkompjuter*** tal-EuroHPC wieħed biss jekk ikun hemm aktar minn ***sentejn*** bejn ***l-akkwist tagħhom*** jew ***jekk is-superkompjuters ikunu ġejjin minn teknoloġiji differenti*** (***klassiċi***/kwantistiċi).	(1) ***Is-supercomputers*** tal-EuroHPC għandhom ikunu jinsabu fi Stat Parteċipanti li jkun Stat Membru. Stat Parteċipanti għandu jospita aktar minn ***supercomputer*** tal-EuroHPC wieħed biss jekk ikun hemm aktar minn ***erba' snin*** bejn ***id-dati tal-għażla wara s-sejħiet għal espressjonijiet ta' interess. Fil-każ ta' akkwist ta' kompjuters kwantistiċi u simulaturi kwantistiċi*** jew ***fil-każ ta' titjib ta' supercomputer tal-EuroHPC b'aċċelleraturi*** kwantistiċi ***li jkun proprjetà tal-Impriża Konġunta, dan il-perjodu għandu jitnaqqas għal sentejn***.

Emenda 95

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Wara sejħa għal espressjoni ta' interess, l-entità tal-hosting imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-Istat Parteċipanti korrispondenti fejn tkun stabbilita l-entità tal-hosting jew il-konsorzju tal-hosting korrispondenti għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija bi proċess ġust u trasparenti bbażat, fost l-oħrajn, fuq il-kriterji li ġejjin:	(5) Wara sejħa għal espressjoni ta' interess ***miftuħa, ġusta u trasparenti***, l-entità tal-hosting imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-Istat Parteċipanti korrispondenti fejn tkun stabbilita l-entità tal-hosting jew il-konsorzju tal-hosting korrispondenti għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija bi proċess ġust u trasparenti bbażat, fost l-oħrajn, fuq il-kriterji li ġejjin:

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 96

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-kwalità tal-infrastruttura fiżika u tal-IT tal-faċilitajiet tal-hosting, is-sigurtà tagħha u l-konnettività tagħha mal-bqija tal-Unjoni;	(d) il-kwalità tal-infrastruttura fiżika***, tal-enerġija*** u tal-IT tal-faċilitajiet tal-hosting, is-sigurtà tagħha u l-konnettività tagħha mal-bqija tal-Unjoni;

Emenda 97

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 5 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-provvista ta' pjan ta' ġestjoni tal-enerġija li jeżamina d-disponibbiltà ta' aċċess adegwat għal enerġija nadifa affordabbli, inkluż permezz ta' ftehimiet ta' xiri ta' enerġija rinnovabbli, u strateġija biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġetija tal-installazzjonijiet;

Emenda 98

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) L-impriża Konġunta għandha tqis il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", sabiex taċċellera r-riċerka dwar l-iffrankar u l-effiċjenza fl-enerġija, tistimula avvanzi teknoloġiċi kostanti biex ittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija kemm fid-disinji ta' sistemi ġodda kif ukoll f'dawk eżistenti, u tirriċerka b'mod attiv, tiżviluppa u tittestja approċċi ġodda effiċjenti fl-enerġija inkluż b'mod partikolari approċċi bbażati kompletament fuq sorsi rinnovabbli li jtejbu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-impronta ambjentali tas-supercomputers.

Emenda 99

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) l-obbligu tal-entità tal-hosting sabiex sal-31 ta' Jannar ta' kull sena tippreżenta lill-Bord tat-Tmexxija rapport tal-awditjar u data dwar l-użu tal-ħin tal-aċċess fis-sena kontabilistika preċedenti;	(k) l-obbligu tal-entità tal-hosting sabiex sal-31 ta' Jannar ta' kull sena tippreżenta lill-Bord tat-Tmexxija rapport tal-awditjar u data dwar l-użu tal-ħin tal-aċċess fis-sena kontabilistika preċedenti; ***ir-rapport tal-awditjar għandu jsir disponibbli għall-pubbliku fi żmien tliet xhur mill-approvazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija;***

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-għażla tal-fornitur ***tas-superkompjuter*** ta' livell għoli għandha tindirizza ***s-sigurtà*** tal-katina tal-provvista.	(3) L-għażla tal-fornitur ***tas-supercomputer*** ta' livell għoli għandha ***tivvaluta l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema ġenerali, inklużi l-ħtiġijiet tal-utenti, u tiżgura l-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej. Għandha*** tindirizza ***wkoll is-sigurtà*** tal-katina tal-provvista.

Emenda 101

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-għażla tal-fornitur tal-kompjuters kwantistiċi u tas-simulaturi kwantistiċi għandha tindirizza ***s-sigurtà*** tal-katina tal-provvista.	(3) L-għażla tal-fornitur tal-kompjuters kwantistiċi u tas-simulaturi kwantistiċi għandha ***tivvaluta l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema ġenerali, inklużi l-ħtiġijiet tal-utenti, u tiżgura l-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej. Għandha*** tindirizza ***wkoll is-sigurtà*** tal-katina tal-provvista.

Emenda 102

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Impriża Konġunta għandha takkwista flimkien mal-Membri Privati, jew ma' konsorzju ta' sħab privati, ***superkompjuters***, jew partizzjonijiet ta' ***superkompjuters*** tal-EuroHPC, primarjament destinati għall-użu mill-industrija, u għandha tkun sidhom jew koproprjetarju tagħhom mal-Membri Privati jew ma' konsorzju ta' sħab privati.	(1) L-Impriża Konġunta għandha takkwista flimkien mal-Membri Privati, jew ma' konsorzju ta' sħab privati, ***supercomputers ta' mill-inqas livell medju***, jew partizzjonijiet ta' ***supercomputers*** tal-EuroHPC, primarjament destinati għall-użu mill-industrija, u għandha tkun sidhom jew koproprjetarju tagħhom mal-Membri Privati jew ma' konsorzju ta' sħab privati.

Emenda 103

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-għażla tal-fornitur ta' ***superkompjuter*** tal-EuroHPC ta' grad industrijali għandha tindirizza ***s-sigurtà*** tal-katina tal-provvista.	(3) L-għażla tal-fornitur ta' ***supercomputer*** tal-EuroHPC ta' grad industrijali għandha ***tivvaluta l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema ġenerali, inklużi l-ħtiġijiet tal-utenti, u tiżgura l-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej. Għandha*** tindirizza ***wkoll is-sigurtà*** tal-katina tal-provvista.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 104

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) għandha tkopri sa ***35 %*** tal-kostijiet ***tal-akkwist tas-superkompjuters*** ta' livell medju. Il-bqija tal-kost totali tas-sjieda ***tas-superkompjuters*** ta' livell medju għandha tiġi koperta mill-Istat Parteċipanti fejn tkun stabbilita l-entità tal-hosting jew mill-Istati Parteċipanti fil-konsorzju tal-hosting, possibbilment issupplimentat mill-kontribuzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6.	(2) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) għandha tkopri sa ***50 %*** tal-kostijiet ***tal-akkwiżizzjoni flimkien ma' massimu ta' 50 % tal-kostijiet operatorji tas-supercomputers*** ta' livell medju. Il-bqija tal-kost totali tas-sjieda ***tas-supercomputers*** ta' livell medju għandha tiġi koperta mill-Istat Parteċipanti fejn tkun stabbilita l-entità tal-hosting jew mill-Istati Parteċipanti fil-konsorzju tal-hosting, possibbilment issupplimentat mill-kontribuzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6.

Emenda 105

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-għażla tal-fornitur ***tas-superkompjuter*** ta' livell medju għandha tindirizza ***s-sigurtà*** tal-katina tal-provvista.	(3) L-għażla tal-fornitur ***tas-supercomputer*** ta' livell medju għandha ***tivvaluta l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema ġenerali, inklużi l-ħtiġijiet tal-utenti, u tiżgura l-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej. Għandha*** tindirizza ***wkoll is-sigurtà*** tal-katina tal-provvista.

Emenda 106

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Is-sehem tal-ħin tal-aċċess tal-Unjoni għal kull superkompjuter ta' livell medju għandu jkun direttament proporzjonali għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) għall-kost tal-akkwist tas-superkompjuter u ma għandux jaqbeż il-35 % tal-ħin tal-aċċess totali tas-superkompjuter.	***imħassar***

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddefinixxi d-drittijiet tal-aċċess għas-sehem tal-ħin tal-aċċess tal-Unjoni ***għas-superkompjuters*** tal-EuroHPC.	(5) Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddefinixxi ***u jagħmel disponibbli għall-pubbliku*** d-drittijiet tal-aċċess għas-sehem tal-ħin tal-aċċess tal-Unjoni ***għas-supercomputers*** tal-EuroHPC.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-użu tas-sehem tal-ħin tal-aċċess tal-Unjoni ***għas-superkompjuters*** tal-EuroHPC għandu jkun mingħajr ħlas għall-utenti mis-settur pubbliku msemmija fl-Artikolu 14(4) ta' dan ir-Regolament. Se jkun ukoll mingħajr ħlas ***ukoll*** għall-utenti industrijali għall-applikazzjonijiet relatati mal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni ***ffinanzjati minn Orizzont Ewropa jew mill-Programm Ewropa Diġitali*** u għall-attivitajiet ta' innovazzjoni privati tal-SMEs, meta xieraq. Bħala prinċipju ta' gwida, l-allokazzjoni tal-ħin tal-aċċess għal attivitajiet bħal dawn għandha tkun ibbażata fuq proċess ta' rieżami bejn il-pari ġust u trasparenti ddefinit mill-Bord tat-Tmexxija wara sejħiet kontinwament miftuħa għal espressjoni ta' interess imnedija mill-Impriża Konġunta.	(6) L-użu tas-sehem tal-ħin tal-aċċess tal-Unjoni ***għas-supercomputers*** tal-EuroHPC għandu jkun ***trasparenti u*** mingħajr ħlas għall-utenti mis-settur pubbliku msemmija fl-Artikolu 14(4) ta' dan ir-Regolament. Se jkun ukoll mingħajr ħlas għall-utenti industrijali***, l-NGOs, l-istudenti u l-individwi l-oħra*** għall-applikazzjonijiet relatati mal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni ***miftuħa*** u għall-attivitajiet ta' innovazzjoni privati tal-SMEs, meta xieraq. Bħala prinċipju ġwida, l-allokazzjoni tal-ħin tal-aċċess għal attivitajiet bħal dawn għandha tkun ibbażata fuq proċess ta' rieżami bejn il-pari ġust u trasparenti ddefinit mill-Bord tat-Tmexxija wara sejħiet kontinwament miftuħa għal espressjoni ta' interess imnedija mill-Impriża Konġunta.

Emenda 109

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddefinixxi regoli speċifiċi għall-kundizzjonijiet ta' aċċess li jitbiegħdu mill-prinċipji ta' gwida msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu. Dawn jikkonċernaw l-allokazzjoni tal-ħin tal-aċċess għal proġetti u għal attivitajiet meqjusa bħala strateġiċi jew mill-Unjoni jew mill-Bord tat-Tmexxija.	(8) Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddefinixxi regoli speċifiċi ***u trasparenti*** għall-kundizzjonijiet ta' aċċess li jitbiegħdu mill-prinċipji gwida msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu. Dawn jikkonċernaw l-allokazzjoni tal-ħin tal-aċċess għal proġetti u għal attivitajiet meqjusa bħala strateġiċi jew mill-Unjoni jew mill-Bord tat-Tmexxija.

Emenda 110

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fuq talba tal-Unjoni, id-Direttur Eżekuttiv għandu jagħti aċċess dirett ***għas-superkompjuters*** tal-EuroHPC għal inizjattivi li l-Unjoni tqis essenzjali għall-provvista ta' servizzi relatati mas-saħħa jew ta' servizzi kruċjali oħra ta' appoġġ f'emerġenzi għall-ġid tal-pubbliku, għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew ġestjoni tal-kriżijiet jew għal każijiet li l-Unjoni tqis essenzjali għas-sigurtà u għad-difiża tagħha. Il-modalitajiet u ***l-kondizzjonijiet*** għall-implimentazzjoni ta' dan l-aċċess għandhom jiġu definiti ***fil-kondizzjonijiet*** ta' aċċess adottati mill-Bord tat-Tmexxija.	(9) Fuq talba tal-Unjoni, id-Direttur Eżekuttiv għandu jagħti aċċess dirett ***għas-supercomputers*** tal-EuroHPC għal inizjattivi li l-Unjoni tqis essenzjali għall-provvista ta' servizzi relatati mas-saħħa jew ta' servizzi kruċjali oħra ta' appoġġ f'emerġenzi għall-ġid tal-pubbliku, għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew ġestjoni tal-kriżijiet jew għal każijiet li l-Unjoni tqis essenzjali għas-sigurtà u għad-difiża tagħha. Il-modalitajiet u ***l-kundizzjonijiet*** għall-implimentazzjoni ta' dan l-aċċess għandhom jiġu definiti ***fil-kundizzjonijiet*** ta' aċċess adottati mill-Bord tat-Tmexxija ***b'kont meħud li l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni se jkollhom fokus esklussiv fuq applikazzjonijiet ċivili, filwaqt li jiġi rikonoxxut li hemm oqsma ta' teknoloġija b'użu doppju***.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Kundizzjonijiet speċifiċi għandhom ikunu japplikaw għall-utenti kollha tal-industrija għal finijiet kummerċjali. Dan is-servizz għal użu kummerċjali għandu jkun servizz bi ħlas skont l-użu, ***ibbażat fuq il-prezzijiet*** tas-suq. Il-livell tat-tariffa għandu jiġi stabbilit mill-Bord tat-Tmexxija.	(1) Kundizzjonijiet speċifiċi għandhom ikunu japplikaw għall-utenti kollha tal-industrija għal finijiet kummerċjali. Dan is-servizz għal użu kummerċjali għandu jkun servizz bi ħlas skont l-użu, ***abbażi tal-prezzijiet*** tas-suq. Il-livell tat-tariffa għandu jiġi stabbilit mill-Bord tat-Tmexxija ***iżda ma għandux jikkostitwixxi ostaklu għad-dħul, b'mod partikolari għall-SMEs***.

Emenda 112

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) It-tariffi ġġenerati mill-użu kummerċjali tal-ħin tal-aċċess tal-Unjoni għandhom jikkostitwixxu dħul għall-baġit tal-Impriża Konġunta u għandhom jintużaw biex ikopru l-kostijiet ***operatorji*** tal-Impriża Konġunta.	(2) It-tariffi ġġenerati mill-użu kummerċjali tal-ħin tal-aċċess tal-Unjoni għandhom jikkostitwixxu dħul għall-baġit tal-Impriża Konġunta u għandhom jintużaw biex ikopru l-kostijiet ***operazzjonali*** tal-Impriża Konġunta ***u l-kostijiet operatorji tas-supercomputers tal-EuroHPC***.

Emenda 113

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-ħin tal-aċċess totali allokat għas-servizzi kummerċjali ma għandux jaqbeż l-20 % tal-ħin tal-aċċess totali tal-Unjoni ta' kull ***superkompjuter*** tal-EuroHPC. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddeċiedi dwar l-allokazzjoni tal-ħin ta' aċċess tal-Unjoni għall-utenti ta' servizzi kummerċjali, b'kont meħud tal-eżitu tal-monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 15(10).	(3) Il-ħin tal-aċċess totali allokat għas-servizzi kummerċjali ma għandux jaqbeż***, fil-prinċipju,*** l-20 % tal-ħin tal-aċċess totali tal-Unjoni ta' kull ***supercomputer*** tal-EuroHPC. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddeċiedi dwar l-allokazzjoni ***massima*** tal-ħin ta' aċċess tal-Unjoni għall-utenti ta' servizzi kummerċjali, b'kont meħud tal-eżitu tal-monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 15(10).

Emenda 114

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-riżorsi tal-persunal għandhom jiġu stabbiliti fil-pjan ta' stabbiliment tal-persunal tal-Impriża Konġunta, b'mod li jiġi indikat in-numru ta' postijiet temporanji skont il-grupp ta' funzjoni u skont il-grad, kif ukoll skont in-numru ta' persunal bil-kuntratt espress f'ekwivalenti ***għal fulltime***, f'konformità mal-baġit annwali tagħha.	(6) Ir-riżorsi tal-persunal għandhom jiġu stabbiliti fil-pjan ta' stabbiliment tal-persunal tal-Impriża Konġunta ***u għandhom jirriflettu b'mod adegwat in-numri u l-gradi tal-istaff meħtieġa biex jiġu żgurati l-oqħla standards ta' reklutaġġi fil-qasam***, b'mod li jiġi indikat in-numru ta' postijiet temporanji skont il-grupp ta' funzjoni u skont il-grad, kif ukoll skont in-numru ta' persunal bil-kuntratt espress f'ekwivalenti ***full-time***, f'konformità mal-baġit annwali tagħha.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 115

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi r-regoli dwar is-sekondar ta' esperti nazzjonali ***lill-Impriża*** Konġunta u dwar l-użu tat-trainees.	(2) Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi r-regoli dwar is-sekondar ta' esperti nazzjonali ***mal-Impriża*** Konġunta u dwar l-użu tat-trainees***, inkluż dwar ir-remunerazzjoni tagħhom***.

Emenda 116

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-attivitajiet tal-Impriża Konġunta għandhom ikunu soġġetti għal monitoraġġ kontinwu u għal rieżamijiet perjodiċi f'konformità mar-regoli finanzjarji tagħha, biex ikunu żgurati l-akbar impatt u eċċellenza, kif ukoll l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi. L-eżiti tal-monitoraġġ u tar-rieżamijiet perjodiċi għandhom jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet tal-Impriża Konġunta bħala parti mill-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa.	(1) L-attivitajiet tal-Impriża Konġunta għandhom ikunu soġġetti għal monitoraġġ kontinwu u għal rieżamijiet perjodiċi f'konformità mar-regoli finanzjarji tagħha, biex ikunu żgurati l-akbar impatt u eċċellenza, kif ukoll l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi. ***Tali monitoraġġ u rieżamijiet ma għandhomx iżidu l-piż amministrattiv fuq l-Impriża Konġunta jew fuq il-benefiċjarji tagħha.*** L-eżiti tal-monitoraġġ u tar-rieżamijiet perjodiċi għandhom jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet tal-Impriża Konġunta bħala parti mill-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa.

Emenda 117

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-evalwazzjonijiet tal-operazzjonijiet tal-Impriżi Konġunti għandhom jitwettqu fil-ħin sabiex jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet interim u finali ġenerali ta' Orizzont Ewropa u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet relatat kif speċifikat fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa.	(3) L-evalwazzjonijiet tal-operazzjonijiet tal-Impriżi Konġunti għandhom jitwettqu fil-ħin ***u mingħajr ma jżidu l-piż amministrattiv fuq l-Impriża Konġunta jew fuq il-benefiċjarji tagħha,*** sabiex jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet interim u finali ġenerali ta' Orizzont Ewropa u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet relatat kif speċifikat fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 118

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim ta' kull Impriża Konġunta bħala parti mill-evalwazzjoni interim ta' Orizzont Ewropa, kif speċifikat fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa. Din l-evalwazzjoni għandha titwettaq bl-assistenza ta' esperti indipendenti fuq il-bażi ta' proċess trasparenti ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa. L-evalwazzjonijiet għandhom jeżaminaw kif l-Impriża Konġunta tissodisfa l-missjoni tagħha skont l-objettivi ekonomiċi, teknoloġiċi, xjentifiċi, soċjetali u tal-politika tagħha, inklużi l-objettivi relatati mal-klima, u jevalwaw l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-attivitajiet tagħha bħala parti minn Orizzont Ewropa, is-sinerġiji u ***l-komplementaritajiet*** tagħha ma' inizjattivi rilevanti Ewropej, nazzjonali u, meta rilevanti, reġjonali, inklużi sinerġiji ma' partijiet oħra ta' Orizzont Ewropa (bħal missjonijiet, raggruppamenti jew programmi tematiċi/speċifiċi). L-impatti miksuba fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, filwaqt li jitqies il-komponent tas-sinerġiji u l-modifika retroattiva tal-politika, se jingħataw attenzjoni partikolari. Meta rilevanti, l-evalwazzjonijiet għandhom jinkludu wkoll valutazzjoni tal-impatt xjentifiku, soċjetali, ekonomiku u rilevanti għall-politika fit-tul tal-Impriża Konġunta u għandhom jinkludu valutazzjoni tal-aktar mod effettiv ta' intervent ta' politika għal kull azzjoni futura, kif ukoll ***l-ippożizzjonar*** ta' kull tiġdid ***possibbli*** tal-Impriża Konġunta fil-kuntest ġenerali ***tas-Sħubiji*** Ewropej u tal-prijoritajiet politiċi tagħha.	(4) Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim ta' kull Impriża Konġunta bħala parti mill-evalwazzjoni interim ta' Orizzont Ewropa, kif speċifikat fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa***, u mingħajr ma żżid il-piż amministrattiv fuq l-Impriża Konġunta***. Din l-evalwazzjoni għandha titwettaq bl-assistenza ta' esperti ***esterni*** indipendenti fuq il-bażi ta' proċess trasparenti ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa. L-evalwazzjonijiet għandhom jeżaminaw kif l-Impriża Konġunta tissodisfa l-missjoni tagħha skont l-objettivi ekonomiċi, teknoloġiċi, xjentifiċi, ***ambjentali,*** soċjetali u tal-politika tagħha, inklużi l-objettivi relatati mal-klima ***u mas-saħħa***, u jevalwaw l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza, ***l-integrità*** u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-attivitajiet tagħha bħala parti minn Orizzont Ewropa, is-sinerġiji u ***l-komplementarjetajiet*** tagħha ma' inizjattivi rilevanti Ewropej, nazzjonali u, meta rilevanti, reġjonali, inklużi sinerġiji ma' partijiet oħra ta' Orizzont Ewropa (bħal ***sħubijiet,*** missjonijiet, raggruppamenti jew programmi tematiċi/speċifiċi ***oħra Ewropej***). L-impatti miksuba fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, filwaqt li jitqies il-komponent tas-sinerġiji u l-modifika retroattiva tal-politika, se jingħataw attenzjoni partikolari. Meta rilevanti, l-evalwazzjonijiet għandhom jinkludu wkoll valutazzjoni tal-impatt xjentifiku, soċjetali, ***ambjentali,*** ekonomiku u rilevanti għall-politika fit-tul tal-Impriża Konġunta***, valutazzjoni tal-progress fil-komunikazzjoni u fis-sensibilizzazzjoni, bħall-għadd ta' utenti,*** u għandhom jinkludu valutazzjoni tal-aktar mod effettiv ta' intervent ta' politika għal kull azzjoni futura, kif ukoll ***il-pożizzjonament*** ta' kull ***possibbiltà ta'*** tiġdid ***jew eliminazzjoni gradwali*** tal-Impriża Konġunta fil-kuntest ġenerali ***tas-Sħubijiet*** Ewropej u tal-prijoritajiet politiċi tagħha.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 119

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) ***Il-Kummissjoni*** tista' twettaq evalwazzjonijiet oħra dwar temi jew suġġetti ta' rilevanza strateġika, bl-għajnuna ta' esperti indipendenti magħżula bi proċess trasparenti, biex teżamina l-progress li tkun għamlet l-Impriża Konġunta fir-rigward tal-objettivi stabbiliti, tidentifika l-fatturi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet u tidentifika l-aqwa prattiki. Billi twettaq dawk l-evalwazzjonijiet ulterjuri, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra bis-sħiħ l-impatt amministrattiv fuq l-Impriża Konġunta.	(6) ***Mingħajr ma żżid il-piż amministrattiv fuq l-Impriża Konġunta, il-Kummissjoni*** tista' twettaq evalwazzjonijiet oħra dwar temi jew suġġetti ta' rilevanza strateġika, bl-għajnuna ta' esperti indipendenti magħżula bi proċess trasparenti, biex teżamina l-progress li tkun għamlet l-Impriża Konġunta fir-rigward tal-objettivi stabbiliti, tidentifika l-fatturi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet u tidentifika l-aqwa prattiki. Billi twettaq dawk l-evalwazzjonijiet ulterjuri, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra bis-sħiħ l-impatt amministrattiv fuq l-Impriża Konġunta ***u għandha b'mod partikolari tagħmel l-almu tagħha biex tnaqqas il-piż amministrattiv u biex tiżgura li l-proċess ta' evalwazzjoni jinżamm sempliċi u trasparenti għalkollox. Kwalunkwe evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni soda tal-għażliet politiċi mill-perspettiva tat-tmexxija, inkluż b'mod partikolari l-possibbiltà li jiġu stabbiliti salvagwardji xierqa biex jiġi żgurat li l-interessi pubbliċi jiġu debitament irrispettati fl-operazzjonijiet kollha.***

Emenda 120

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-Impriża Konġunta għandha twettaq rieżamijiet perjodiċi tal-attivitajiet tagħha biex tinforma l-evalwazzjonijiet interim u finali tal-Impriża Konġunta bħala parti mill-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa msemmija fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa.	(7) L-Impriża Konġunta għandha twettaq rieżamijiet perjodiċi tal-attivitajiet tagħha ***b'piż minimu għall-benefiċjarji*** biex tinforma l-evalwazzjonijiet interim u finali tal-Impriża Konġunta bħala parti mill-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa msemmija fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa.

Emenda 121

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Ir-rappurtar għandu jkun konformi mar-rekwiżiti standard tar-rappurtar ta' Orizzont Ewropa. L-iżvilupp tas-sistemi tar-rappurtar fil-kuntest tal-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għandu jinvolvi wkoll lill-Istati Membri u lir-rappreżentanti tas-sħubija sabiex jiġu żgurati s-sinkronizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-isforzi ta' rappurtar u ta' monitoraġġ, inkluż dwar id-diviżjoni tal-kompiti ta' ġbir u rappurtar tad-data.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 122

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-awditi ex post tan-nefqa fuq azzjonijiet iffinanzjati mill-baġit ta' Orizzont Ewropa għandhom jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa bħala parti mill-azzjonijiet indiretti ta' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari f'konformità mal-istrateġija tal-awditjar imsemmija fl-Artikolu 48(2) ta' dak ir-Regolament.	(1) L-awditi *ex post* tan-nefqa fuq azzjonijiet iffinanzjati mill-baġit ta' Orizzont Ewropa għandhom jitwettqu ***mingħajr ma jżidu l-piż amministrattiv fuq l-Impriża Konġunta jew fuq il-benefiċjarji tagħha*** f'konformità mal-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa bħala parti mill-azzjonijiet indiretti ta' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari f'konformità mal-istrateġija tal-awditjar imsemmija fl-Artikolu 48 (2) ta' dak ir-Regolament.

Emenda 123

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-awditi ex post tan-nefqa fuq azzjonijiet iffinanzjati mill-baġit ta' Ewropa Diġitali għandhom jitwettqu mill-Impriża Konġunta f'konformità mal-Artikolu XXX tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali.	(2) L-awditi *ex post* tan-nefqa fuq azzjonijiet iffinanzjati mill-baġit ta' Ewropa Diġitali għandhom jitwettqu mill-Impriża Konġunta f'konformità mal-Artikolu XXX tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali***, mingħajr ma jżidu l-piż amministrattiv fuq l-Impriża Konġunta jew fuq il-benefiċjarji tagħha***.

Emenda 124

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-awditi ex post tan-nefqa fuq azzjonijiet iffinanzjati mill-baġit tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandhom jitwettqu mill-Impriża Konġunta f'konformità mal-Artikolu XXX tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa bħala parti mill-azzjonijiet tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.	(3) L-awditi *ex post* tan-nefqa fuq azzjonijiet iffinanzjati mill-baġit tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandhom jitwettqu mill-Impriża Konġunta f'konformità mal-Artikolu XXX tar-Regolament (UE) Nru XXX li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa bħala parti mill-azzjonijiet tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa***, mingħajr ma jżidu l-piż amministrattiv fuq l-Impriża Konġunta jew fuq il-benefiċjarji tagħha***.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 125

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Impriża Konġunta għandha tiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva li d-divulgazzjoni tagħha tista' tagħmel ħsara lill-interessi tal-membri tagħha jew tal-parteċipanti fl-attivitajiet tal-Impriża Konġunta.	***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 28,*** l-Impriża Konġunta għandha tiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva li d-divulgazzjoni tagħha tista' tagħmel ħsara lill-interessi tal-membri tagħha jew tal-parteċipanti fl-attivitajiet tal-Impriża Konġunta.

Emenda 126

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) F'konformita' ma' Sħubijiet Ewropej oħra li huma kofinanzjati minn Orizzont Ewropa, id-data kollha għall-proġetti ppreżentati u ffinanzjati mill-Impriża Konġunta għandha tiġi inkluża fil-bażi tad-data unika ta' Orizzont Ewropa.

Emenda 127

Proposta għal regolament

Artikolu 31a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 31a
	Rati ta' rimborż
	B'deroga mill-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2021/695, l-Impriża Konġunta tista' tapplika rati ta' rimborż differenti għall-finanzjament tal-Unjoni fi ħdan azzjoni skont it-tip ta' parteċipant, jiġifieri SMEs u entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, u t-tip ta' azzjoni. Ir-rati ta' rimborż għandhom ikunu indikati fil-programm ta' ħidma.

Emenda 128

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tas-supercomputers kollha fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2018/1488 u fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2018/1488 għandha tkopri sa 50 % tal-kostijiet tal-akkwiżizzjoni flimkien ma' massimu ta' 50 % tal-kostijiet operatorji. Ir-regoli dwar l-allokazzjoni tal-ħin tal-aċċess tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2018/1488 għandhom jiġu aġġustati kif xieraq.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 129

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tibda u timmaniġġa s-sejħiet għal espressjoni ta' interess għall-hosting tas-supercomputers tal-EuroHPC u tevalwa l-offerti riċevuti, bl-appoġġ ta' esperti esterni indipendenti;	(c) tibda u timmaniġġa s-sejħiet għal espressjoni ta' interess għall-hosting tas-supercomputers tal-EuroHPC ***b'mod miftuħ u trasparenti*** u tevalwa l-offerti riċevuti, bl-appoġġ ta' esperti esterni indipendenti;

Emenda 130

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) tniedi sejħiet miftuħa għal proposti u tagħti finanzjament f'konformità mar-Regolament (UE) xxx li jistabbilixxi Orizzont Ewropa, u fil-limiti tal-fondi disponibbli, għal azzjonijiet indiretti, prinċipalment fil-forma ta' għotjiet;	(h) tniedi sejħiet miftuħa għal proposti u tagħti finanzjament f'konformità mar-Regolament (UE) XXX li jistabbilixxi Orizzont Ewropa, u fil-limiti tal-fondi disponibbli, għal azzjonijiet indiretti, prinċipalment fil-forma ta' għotjiet***, li jippromwovu parteċipazzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri***;

Emenda 131

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) tiżviluppa ***koperazzjoni*** mill-qrib u tiżgura koordinazzjoni ma' Sħubijiet Ewropej oħra, kif ukoll sinerġiji operattivi ma' Impriżi Konġunti oħra, inkluż b'ċentralizzazzjoni tal-funzjonijiet amministrattivi;	(n) tiżviluppa ***kooperazzjoni*** mill-qrib u tiżgura koordinazzjoni ma' Sħubijiet Ewropej oħra, kif ukoll sinerġiji operattivi ma' Impriżi Konġunti oħra, inkluż b'ċentralizzazzjoni tal-funzjonijiet amministrattivi***, speċjalment għal kompiti komuni u bil-għan li jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi***;

Emenda 132

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 1 – paragrafu 1 – point na (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(na) l-iżgurar ta' attivitajiet konġunti ma' inizjattivi rilevanti oħra ta' riċerka u innovazzjoni fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, se jkun kruċjali biex jinkiseb impatt akbar, filwaqt li tiġi żgurata l-adozzjoni tar-riżultati u jinkiseb l-aħjar livell ta' interkonnessjonijiet.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 133

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 1 – paragrafu 1 – point oa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(oa) tippromwovi l-involviment tal-SMEs fl-attivitajiet tagħha u tieħu miżuri li jiżguraw informazzjoni lill-SMEs, f'konformità mal-objettivi ta' Orizzont Ewropa;

Emenda 134

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, [il-Montenegro], in-Netherlands, [il-Maċedonja ta' Fuq], in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, [l-Iżvizzera], [it-Turkija];	(b) l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu***, [Malta]***, [il-Montenegro], in-Netherlands, [il-Maċedonja ta' Fuq], in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, [l-Iżvizzera], [it-Turkija];

Emenda 135

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Kull Membru Privat għandu jinforma lill-Impriża Konġunta ***darba fis-sena*** b'kull bidla sinifikanti fil-kompożizzjoni tal-Membru Privat. Meta l-Kummissjoni jkun jidhrilha li aktarx il-bidla fil-kompożizzjoni taffettwa l-interess tal-Unjoni jew tal-Impriża Konġunta għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, din tista' tipproponi lill-Bord tat-Tmexxija biex jittermina s-sħubija tal-Membru Privat ikkonċernat. It-tmiem għandu jsir effettiv u irrevokabbli fi żmien sitt xhur mid-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija jew fid-data speċifikata f'dik id-deċiżjoni, skont liema minnhom tiġi l-ewwel.	(6) Kull Membru Privat għandu jinforma lill-Impriża Konġunta ***mingħajr dewmien*** b'kull bidla sinifikanti fil-kompożizzjoni tal-Membru Privat. Meta l-Kummissjoni jkun jidhrilha li aktarx il-bidla fil-kompożizzjoni taffettwa l-interess tal-Unjoni jew tal-Impriża Konġunta għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, din tista' tipproponi lill-Bord tat-Tmexxija biex jittermina s-sħubija tal-Membru Privat ikkonċernat. It-tmiem għandu jsir effettiv u irrevokabbli fi żmien sitt xhur mid-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija jew fid-data speċifikata f'dik id-deċiżjoni, skont liema minnhom tiġi l-ewwel.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 136

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 6 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Għal dawk il-kompiti msemmija fl-Artikolu 7(4), il-punti (f), (g) u (h) ta' dawn l-Istatuti, u għal kull supercomputer tal-EuroHPC, id-drittijiet tal-vot tal-Istati Parteċipanti għandhom jiġu ddistribwiti b'mod proporzjonat skont il-kontribuzzjonijiet finanzjarji impenjati tagħhom u skont il-kontribuzzjonijiet in natura tagħhom lil dak is-supercomputer sakemm is-sjieda tiegħu tiġi trasferita lill-entità tal-hosting f'konformità mal-Artikolu 8(3) ta' dan ir-Regolament jew sakemm dan jinbiegħ jew jiġi dekummissjonat; il-kontribuzzjonijiet in natura għandhom jitqiesu biss jekk ikunu ġew iċċertifikati ex ante minn espert jew awditur indipendenti.	(5) Għal dawk il-kompiti msemmija fl-Artikolu 7(4), il-punti (f), (g) u (h) ta' dawn l-Istatuti, u għal kull supercomputer tal-EuroHPC, id-drittijiet tal-vot tal-Istati Parteċipanti għandhom jiġu ddistribwiti b'mod proporzjonat skont il-kontribuzzjonijiet finanzjarji impenjati tagħhom u skont il-kontribuzzjonijiet in natura tagħhom lil dak is-supercomputer sakemm is-sjieda tiegħu tiġi trasferita lill-entità tal-hosting f'konformità mal-Artikolu 8(3) ta' dan ir-Regolament jew sakemm dan jinbiegħ jew jiġi dekummissjonat; il-kontribuzzjonijiet in natura għandhom jitqiesu biss jekk ikunu ġew iċċertifikati *ex ante* minn espert jew awditur indipendenti***, permezz ta' proċess sempliċi, effettiv u trasparenti***.

Emenda 137

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 6 – paragrafu 10 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull Stat osservatur jista' jaħtar delegat wieħed fuq il-Bord tat-Tmexxija, li għandu jirċievi d-dokumenti rilevanti kollha u jista' jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Bord tat-Tmexxija skont il-każ. ***Dawk id-delegati ma għandu jkollhom l-ebda dritt tal-vot u għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sensittiva f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament u soġġetti għar-regoli dwar il-kunflitt ta' interess.***	Kull Stat osservatur jista' jaħtar delegat wieħed fuq il-Bord tat-Tmexxija, li għandu jirċievi d-dokumenti rilevanti kollha u jista' jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Bord tat-Tmexxija skont il-każ.

Emenda 138

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 6 – paragrafu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Żewġ rappreżentanti jew aktar tal-forum tal-utenti, magħżula skont ir-regoli ta' proċedura tiegħu, għandhom jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservaturi u għandhom jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tiegħu, iżda ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 139

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 6 – paragrafu 14b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14b) Osservaturi li jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot, għandu jiżgura l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni sensittiva skont l-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għar-regoli dwar il-kunflitti ta' interess.

Emenda 140

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) jistabbilixxi grupp ta' ħidma bħala "forum tal-utenti", bil-għan li jagħti pariri lill-Bord tat-Tmexxija dwar l-aspetti tar-rekwiżiti tal-utenti, skont ir-regoli ta' proċedura tal-Bord tat-Tmexxija;

Emenda 141

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt jb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(jb) jistabbilixxi regoli u kriterji speċifiċi għall-għażla, il-ħatra u t-tkeċċija ta' membri tal-forum tal-utenti u tal-gruppi konsultattivi stabbiliti skont il-punti (j) u (k) inklużi kunsiderazzjonijiet ta' diversità tal-ġeneru u ġeografika, u japprova r-regoli ta' proċedura stabbiliti b'mod awtonomu mill-forum tal-utenti u dawn il-gruppi konsultattivi; gruppi speċifiċi ta' utenti għandhom jiġu indirizzati permezz tal-forum tal-utenti, inkluż l-aċċess għall-istudenti minn Stati Membri parteċipanti sabiex jiġu promossi karrieri futuri fis-supercomputing. Għal dak il-għan, il-kriterji tal-għażla għandhom jipprevedu li mill-inqas żewġ studenti tal-Masters jew tal-PhD ikunu rappreżentati fil-forum tal-utenti. L-akkademji Ewropej jistgħu jkunu involuti fl-għażla tal-istudenti;

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 142

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Kummissjoni għandha tipproponi lista ta' kandidati għal Direttur Eżekuttiv wara konsultazzjoni mal-membri għajr dawk tal-Unjoni tal-Impriża Konġunta. Għall-finijiet ta' din il-konsultazzjoni, il-membri għajr dawk tal-Unjoni tal-Impriża Konġunta, bi qbil komuni, għandhom jaħtru r-rappreżentanti tagħhom kif ukoll osservatur f'isem il-Bord tat-Tmexxija.	(1) Il-Kummissjoni għandha tipproponi lista ta' kandidati għal Direttur Eżekuttiv wara konsultazzjoni mal-membri għajr dawk tal-Unjoni tal-Impriża Konġunta. Għall-finijiet ta' din il-konsultazzjoni, il-membri għajr dawk tal-Unjoni tal-Impriża Konġunta, bi qbil komuni, għandhom jaħtru r-rappreżentanti tagħhom kif ukoll osservatur f'isem il-Bord tat-Tmexxija. ***Il-lista għandha tiżgura rappreżentazzjoni ta' u opportunitajiet ugwali għal-irġiel u n-nisa.***

Emenda 143

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-Grupp Konsultattiv għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għandu jkun magħmul minn mhux aktar minn ***għaxar membri***, li għandhom jinħatru mill-Membri Privati filwaqt li jitqiesu l-impenji tagħhom mal-Impriża Konġunta.	(2) Il-Grupp Konsultattiv għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għandu jkun magħmul minn mhux aktar minn ***tnax-il membru***, li ***minnhom mhux aktar minn sitta*** għandhom jinħatru mill-Membri Privati filwaqt li jitqiesu l-impenji tagħhom mal-Impriża Konġunta ***u mhux aktar minn sitta għandhom jinħatru mill-forum tal-utenti, fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija. Il-forum tal-utenti għandu jistabbilixxi l-kriterji speċifiċi u l-proċess tal-għażla għall-membri li huwa jaħtar.***

Emenda 144

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Grupp Konsultattiv għall-Infrastruttura għandu jkun magħmul minn ***għaxar membri***. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi l-kriterji speċifiċi li għandhom jitqiesu għall-għażla tal-membri tal-Grupp Konsultattiv għall-infrastruttura. Il-President u l-Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jaħtru lill-membri tal-Grupp Konsultattiv għall-Infrastruttura, wara li jkun inkiseb rispons mingħand il-Bord tat-Tmexxija u d-Direttur Eżekuttiv.	(3) Il-Grupp Konsultattiv għall-Infrastruttura għandu jkun magħmul minn ***tnax-il membru***. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi l-kriterji speċifiċi li għandhom jitqiesu għall-għażla tal-membri tal-Grupp Konsultattiv għall-Infrastruttura. Il-President u l-Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jaħtru lill-membri tal-Grupp Konsultattiv għall-Infrastruttura, wara li jkun inkiseb rispons mingħand il-Bord tat-Tmexxija u d-Direttur Eżekuttiv ***u filwaqt li jqisu l-opinjoni tal-forum tal-utenti***.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 145

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi l-kriterji speċifiċi u l-proċess għall-għażla tal-membri tal-Grupp Konsultattiv għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u tal-Grupp Konsultattiv għall-Infrastruttura.

Emenda 146

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ifassal u jaġġorna regolarment l-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali msemmi fl-Artikolu 19(1) ta' dawn l-Istatuti biex jintlaħqu l-objettivi tal-Impriża Konġunta stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. Dan l-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali għandu jinkludi: i) l-aġenda strateġika tar-riċerka u l-innovazzjoni li tidentifika l-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji u kompetenzi ewlenin għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u għall-computing kwantistiku f'oqsma differenti ta' applikazzjoni biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, tal-computing kwantistiku u ta' ekosistema tad-data fl-Unjoni, iżidu r-reżiljenza ***tagħha*** u jgħinu biex jinħolqu swieq u applikazzjonijiet soċjetali ġodda, u miżuri li jippromwovu l-iżvilupp u l-adozzjoni tat-teknoloġija Ewropea; ii) l-attivitajiet potenzjali ta' ***koperazzjoni*** internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni li jżidu l-valur u li jkunu ta' interess reċiproku; ***iii***) il-prijoritajiet ta' taħriġ u ta' edukazzjoni biex ***jiġi indirizzata*** d-diskrepanza ***fil-ħiliet*** fit-teknoloġiji u fl-applikazzjonijiet tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku, b'mod partikolari għall-industrija. Dan għandu jiġi rieżaminat regolarment skont l-evoluzzjoni tad-domanda xjentifika u industrijali;	(a) ifassal u jaġġorna regolarment l-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali msemmi fl-Artikolu 19(1) ta' dawn l-Istatuti biex jintlaħqu l-objettivi tal-Impriża Konġunta stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. Dan l-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali għandu jinkludi: i) l-aġenda strateġika tar-riċerka u l-innovazzjoni***, ibbażata fuq id-domanda xjentifika u dik industrijali,*** li tidentifika l-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji***, servizzi, applikazzjonijiet tal-utenti*** u kompetenzi ewlenin għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u għall-computing kwantistiku f'oqsma differenti ta' applikazzjoni biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, tal-computing kwantistiku u ta' ekosistema tad-data fl-Unjoni, iżidu r-reżiljenza ***tal-Unjoni*** u jgħinu biex jinħolqu swieq u applikazzjonijiet soċjetali ġodda, u miżuri li jippromwovu l-iżvilupp u l-adozzjoni tat-teknoloġija Ewropea; ii) l-attivitajiet potenzjali ta' ***kooperazzjoni*** internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni li jżidu l-valur u li jkunu ta' interess reċiproku; iii) il-prijoritajiet ta' taħriġ u ta' edukazzjoni biex ***jiġu indirizzati*** d-diskrepanza ***b'rabta mal-ħiliet u l-kompetenzi*** fit-teknoloġiji u fl-applikazzjonijiet tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku, b'mod partikolari għall-industrija. ***Dak l-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali*** għandu jiġi rieżaminat regolarment skont l-evoluzzjoni tad-domanda xjentifika u industrijali;

Emenda 147

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, il-Grupp Konsultattiv għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għandu jitlob l-opinjoni tal-forum tal-utenti.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

Emenda 148

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ifassal u jaġġorna regolarment l-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali msemmi fl-Artikolu 19(1) ta' dawn l-Istatuti biex jintlaħqu l-objettivi tal-Impriża Konġunta stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. L-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali għandu jindirizza: i) l-akkwist ***tas-superkompjuters*** EuroHPC filwaqt li jqis, fost l-oħrajn, l-ippjanar ***tal-akkwist***, iż-żidiet fil-kapaċità meħtieġa, it-tipi ta' applikazzjonijiet u komunitajiet tal-utenti li jridu jiġu indirizzati, ir-rekwiżiti tal-utenti rilevanti u l-arkitetturi tas-sistemi xierqa, ir-rekwiżiti tal-utenti, u l-arkitettura tal-infrastruttura; ii) il-federazzjoni u l-interkonnessjoni ta' din l-infrastruttura, filwaqt li jqis, fost l-oħrajn, l-integrazzjoni mal-infrastrutturi nazzjonali tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku, u l-arkitettura tal-infrastruttura iperkonnessa u federata; u iii) il-bini tal-kapaċitajiet, ***inkluż iċ-Ċentri*** ta' Kompetenza u l-attivitajiet ***tat-t-taħriġ*** u ***t-twessigħ*** għall-utenti finali, kif ukoll l-opportunitajiet għall-promozzjoni tal-adozzjoni u tal-użu ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi Ewropej b'mod partikolari miċ-Ċentri ta' Kompetenza;	(a) ifassal u jaġġorna regolarment l-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali msemmi fl-Artikolu 19(1) ta' dawn l-Istatuti biex jintlaħqu l-objettivi tal-Impriża Konġunta stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. L-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali għandu jindirizza: i) l-akkwist ***tas-supercomputers*** EuroHPC filwaqt li jqis, fost l-oħrajn, l-ippjanar ***tal-akkwiżizzjoni***, iż-żidiet fil-kapaċità meħtieġa, it-tipi ta' applikazzjonijiet u komunitajiet tal-utenti li jridu jiġu indirizzati, ir-rekwiżiti tal-utenti rilevanti u l-arkitetturi tas-sistemi xierqa, ir-rekwiżiti tal-utenti, u l-arkitettura tal-infrastruttura; ii) il-federazzjoni u l-interkonnessjoni ta' din l-infrastruttura, filwaqt li jqis, fost l-oħrajn, l-integrazzjoni mal-infrastrutturi nazzjonali tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u tal-computing kwantistiku, u l-arkitettura tal-infrastruttura iperkonnessa u federata; u iii) il-bini tal-kapaċitajiet, ***inklużi ċ-Ċentri tal-Unjoni u nazzjonali*** ta' Kompetenza ***tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja*** u ***ċ-Ċentri ta' Eċċellenza tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja,*** l-attivitajiet ***ta' taħriġ*** u ***twessigħ*** għall-utenti finali, kif ukoll l-opportunitajiet għall-promozzjoni tal-adozzjoni u tal-użu ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi Ewropej b'mod partikolari miċ-Ċentri ta' Kompetenza;

Emenda 149

Proposta għal regolament

Anness – Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, il-Grupp Konsultattiv għall-Infrastruttura għandu jitlob l-opinjoni tal-forum tal-utenti.